Ministeru
tal-Finanzi

# Diskors tal-Budget

# 2006

L-Onor. Dr. Lawrence Gonzi
Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi
Malta

Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern
Prezz Lm1

NIBNU FUQ ĦILITNA

*...biex int tgħix aħjar*

BAĠIT 2006

**WERREJ**
**Diskors tal-Baġit għall-2006**


| | Paġna |
|---|---|
| **Daħla** | **1** |
| **Ħarsa lejn l-2005** | **7** |
| • Il-Finanzi Pubbliċi u Sehem il-Gvern fl-Ekonomija | 7 |
| L-Andament tal-Ekonomija | 12 |
| Is-Suq tax-Xogħol | 16 |
| • Edukazzjoni | 17 |
| • Ambjent | 18 |
| Is-Settur Agrikolu | 19 |
| Is-Sajd | 21 |
| • Il-Politika Soċjali | 21 |
| **Baġit 2006** | **22** |
| **L-Inizjattivi u l-Miżuri għas-Sena 2006** | **24** |
| It-Tkabbir Ekonomiku u l-Finanzi tal-Gvern | 25 |
| L-Euro | 30 |
| Sistemi ta' Taxxa li Jinkoraġġixxu t-Tkabbir Ekonomiku | 30 |
| **Bdil fuq it-Taxxa tal-Qligħ fuq il-Propjetà** | **32** |
| **Sehem il-Gvern fl-Ekonomija** | **35** |
| **Is-Settur Pubbliku Parteċipi fit-Tkabbir Ekonomiku** | **40** |
| • Inkomplu nistimolaw it-Tkabbir Ekonomiku | 43 |
| • Appoġġ lill-Intrapriżi Żgħar u Medji | 45 |
| • Insaħħu l-Industrija tat-Turiżmu | 46 |
| • Is-Settur tal-Impjiegi | 50 |
| • It-Teknoloġija ta' l-Informatika u l-Komunikazzjoni (ICT) | 52 |
| • Ix-Xjenza u t-Teknoloġija | 52 |

- Il-Qasam Marittimu 53
- Għawdex 54

**L-Edukazzjoni** 55

**L-Ambjent** 60

- Kultura li Tirrispetta l-Ambjent 61
- Ninvestu fl-Istrutturi u Infrastruttura Meħtieġa għall-Immaniġġjar tal-Iskart 62
- Inkomplu Nirriġeneraw l-Ambjent 63
- Agrikoltura 64
- Sajd 65
- Nindirizzaw id-Dipendenza fuq iż-Żejt 65
- L-Investiment fit-Toroq ta' Pajjiżna 67

**Il-Politika Soċjali tal-Gvern** 68

- Ir-Riforma fis-Sistema tal-Pensjonijiet 68
- Is-Servizzi tas-Saħħa 69
- Inizzjattivi Soċjali 71

**L-Evażjoni Fiskali u l-Abbuż fil-Benefiċċji Soċjali** 74

- Dazji tas-Sisa 75
- Liġi u Ordni 75
- Immigrazzjoni 75

**Konklużjoni** **77**

**DAĦLA**

*Mr. Speaker,*

Dan il-Baġit, li qed inressaq illejla jagħraf il-kisbiet li għamilna flimkien, bil-ħila tal-poplu Malti u Għawdxi kollu u jipproponi viżjoni, strateġija u programm li jkomplu jibnu fuq dawn il-ħiliet biex pajjiżna jakkwista suċċessi akbar.

L-istorja twila ta' ġensna turi b'mod ċar li kull meta kellna rajna f'idejna, u kull meta tħallejna nimirħu, urejna l-ħila kbira tagħna biex naħtfu kull opportunità u ndawruha f'titjib għalina u għal pajjiżna. Kienet din il-ħila li wasslitna sa fejn qegħdin illum. Għandna kwalità ta' ħajja li titqabbel tajjeb ma' dik ta' pajjiżi Ewropej ġirien tagħna. Għandna xibka soċjali wiesgħa li tħaddan fiha lil kulħadd. Għandna sistema edukattiva ta' kwalità għolja. Għandna sistema tas-saħħa li hi meqjusa fost l-aħjar fid-dinja. Għandna qasam finanzjarju li jikkompeti tajjeb ħafna ma' dak ta' ċentri finanzjarji ewlenin. Għandna wirt storiku u kulturali li huwa uniku.

Imma l-aqwa ħaġa li għandna huwa dan il-poplu tagħna li jaf jiffaċċja l-isfidi u jdawwarhom f'opportunitajiet. Huwa poplu li jagħraf l-importanza li jaħseb għall-ġejjieni tiegħu, li jinvesti fl-edukazzjoni ta' wliedu, li jġemma' u jaħseb għall-ġejjieni, li jinvesti biex isir sid daru, li jsiefer biex jesplora orizzonti oħra, li l-hin kollu jaħseb kif itejjeb il-kwalità tal-ħajja tiegħu.

Dan hu l-pedament li fuqu l-Gvern immexxi minni qiegħed jibni l-ġejjieni ta' pajjiżna. Huwa ġejjieni li għandu jimlina kuraġġ. U huwa dan il-kuraġġ li jagħtina l-imbuttatura li hemm bżonn biex inbiddlu dak li għandu bżonn jinbidel.

Malta hi parti minn dinja li qiegħda tinbidel b'rittmu mgħaġġel ħafna. Dan ir-ritmu ta' tibdil qiegħed ipoġġi quddiemna sfidi li m'humiex żgħar, imma qiegħed ukoll itina ċ-ċans li nirkbu fuq din il-mewġa u

ndawru l-isfidi f'opportunitajiet. Nafu li għandna l-ħila biex nagħmlu dan. Imma nafu wkoll li nistgħu nirnexxu biss jekk inkomplu nbiddlu dak li għandu bżonn jinbidel – fil-kultura tagħna, fil-mentalità tagħna, fil-prattiċi tax-xogħol tagħna, fil-mod ta' l-għixien tagħna, fl-għazliet u fil-prijoritajiet tagħna.

F'kollox hemm bżonn li naraw kif nistgħu ntejbu lilna nfusna. Anke fl-affarijiet li naħsbu li qegħdin nagħmluhom sew, irridu xorta naraw kif nistgħu nagħmluhom aħjar. Dan jgħodd għalina bħala poplu li rridu l-aħjar, imma jgħodd ukoll għall-kompetittività ta' pajjiżna – ingredjent ewlieni biex inkomplu noħolqu l-ġid biex minnu jgawdi kulħadd.

Għalhekk f'dan it-tieni Baġit li jiena qiegħed inressaq bħala Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, rrid li f'isem il-Gvern li jien immexxi, ntenni l-istedina tiegħi lil poplu kollu tagħna – ejjew ma nibżgħux mill-bidla.

Huwa żbaljat min jagħtina pariri biex nibqgħu ċassi quddiem l-isfidi. Żbaljat għaliex sadanittant pajjiżi oħra qegħdin jadattaw irwieħhom għar-realtajiet il-ġodda. Huwa żbaljat għaliex jekk ma naqbdux u nbiddlu l-affarijiet aħna stess illum, iċ-ċirkostanzi eventwalment jisfurzawna biex inbiddluhom, irridu jew ma rridux, u f'dan il-każ il-prezz li jkollna nħallsu jkun ħafna aktar għoli. Huwa żbaljat min jgħidilna biex nibqgħu ċassi quddiem l-isfidi, għaliex qiegħed juri sfiduċja f'poplu li wara kollox irnexxa fl-imgħoddi għaliex kien kapaċi jadatta ruħu u jinbidel skond il-bżonn.

Meta f'Lulju ta' din is-sena, ippubblikajna id-dokument bi tħejjija għall-Baġit wassalna proprju dan il-messaġġ. Aħna ridna li, flimkien mal-poplu Malti u Għawdxi, nibnu viżjoni li tistimola l-impenn, l-isforzi, u r-riżorsi ta' kulħadd għax b'hekk biss nistgħu nassiguraw kwalità ta' ħajja aħjar lil xulxin.

Il-viżjoni li aħna artikolajna għal pajjiżna sas-sena 2010 hija dik ta' ekonomija dinamika u b'valur miżjud għoli msejsa fuq ħiliet ta' l-ogħla kwalità u li kapaċi ssostni livell ta' ħajja għoli għall-poplu kollu tagħna.

Il-Gvern immexxi minni għandu għarfien ċar ħafna dwar it-triq li għandna nsegwu u fejn irridu naslu. Aħna konxji dwar x'hemm bżonn nagħmlu biex naslu. Iżda biex naslu, biex nilqgħu l-isfidi li dejjem niltaqgħu magħhom matul triqitna, hemm bżonn li kulħadd jifhem għalfejn qbadna din it-triq u fejn ser twassalna.

Jeħtieġ li Malta mhux biss tkun kapaċi tadatta ruħha għal ċirkostanzi ġodda, iżda li tagħraf u tisfrutta l-opportunitajiet li l-bidla ġġib magħha. L-ekonomija ta' Malta kapaċi tikkompeti fi swieq barranin. Ħadd m'għadu joħlom illi nikkompetu billi noffru pagi rħas. Il-ħaddiem Malti jikkompeti b'ħiltu, billi joffri prodott ta' kwalità u ta' valur ogħla. Jista' jkompli jirbaħ ix-xogħol bil-kapaċità tiegħu, bir-rieda li jadatta, u billi jkompli jiżviluppa l-ħiliet meħtieġa.

*Mr. Speaker*, fuq dan irridu nibnu l-ġejjieni tagħna.

It-tkabbir ta' l-ekonomija, l-avvanzi fil-ħiliet tagħna, u l-impenn għall-kwalità m'humiex l-għan aħħari tagħna; pjuttost huma l-bażi li tippermetti li pajjiżna joħloq il-ġid u li dan il-ġid jiġi mqassam kif inhu xieraq, f'soċjetà inklużiva u li tagħder.

Qatt ma lludejna ruħna li fit-twettiq ta' din il-viżjoni mhux ser ikollna naffaċċjaw intoppi.

Il-kriżi taż-żejt hi eżempju tipiku. Hi kriżi li laqtet lid-dinja kollha u laqtet lilna wkoll – forsi aktar minn ħaddieħor għaliex aħna niddependu fuq l-enerġija mhux biss biex nipproduċu d-dawl elettriku, iżda wkoll biex nipproduċu l-ilma li nixorbu. Aħna konxji li dak li ħabbarna l-ġimgħa li għaddiet jitfa' piż fuq kulħadd, iżda qagħdna attenti li ntaffu l-impatt tal-bidla kull fejn stajna u għażilna li l-Gvern jerfa' biċċa sew mill-piż li jrid jinġarr. L-għaqal hekk kien jitlob, u aħna hekk għamilna.

Sfida oħra hi l-globalizzazzjoni. L-ekonomiji emerġenti taċ-Ċina, l-Indja u l-pajjiżi ta' l-Afrika ta' Fuq jibqgħu jagħmlu pressjoni kbira fuq il-kompetittività mhux biss ta' pajjiżna imma ta' dawk kollha meqjusa bħala aktar avvanzati. It-teknoloġija u l-mezzi tal-komunikazzjoni qed jagħmluha faċli biex kumpaniji kbar iżarmaw minn fejn qegħdin u jibdew joperaw minn pajjiżi fejn il-pagi huma baxxi. Din ir-realtà ġiet rikonoxxuta mill-istess Unjoni Ewropea waqt is-*Summit* informali li nżamm nhar il-Ħamis li għadda u li għalih attendejt jiena f'isem il-Gvern Malti. Saħansitra qed tkun studjata proposta biex jitwaqqaf fond għall-globalizzazzjoni biex jgħin lil dawk il-ħaddiema li jitilfu l-post tax-xogħol tagħhom minħabba li l-investitur privat ikun ċaqlaq l-investiment x'imkien ieħor fejn il-pagi huma ferm aktar baxxi.

Din ir-realtà iffaċċjajniha diġà f'pajjiżna fix-xhur li għaddew, speċjalment fil-qasam tal-manifattura tat-tessuti. Hi realtà li għadna qegħdin niffaċċjawha sal-lum. F'pajjiżna wkoll intilfu mijiet ta' postijiet tax-xogħol minħabba li fabbriki ċċaqilqu lejn pajjiżi ġirien tagħna jew f'pajjiżi fl-Asja. Imma sadanittant l-ekonomija tagħna kienet kapaċi toħloq mijiet ta' postijiet tax-xogħol oħra minflok dawk li ntilfu.

*Mr. Speaker*, kull impjieg li jintilef huwa traġedja għal min jitilfu u għal pajjiż. Meta l-pajjiż tolqtu sitwazzjoni ta' mijiet ta' impjiegi li jintilfu f'daqqa, id-daqqa ta' ħarta hija ħafna akbar, speċjalment meta tkun għamilt ħiltek b'kull mezz possibbli biex l-impjieg ma jintilifx. Quddiem dawn is-sitwazzjonijiet, tikber id-determinazzjoni tagħna li nagħmlu dak kollu li hemm bżonn biex il-ħaddiema milquta jsibu xogħol alternattiv u xogħol aħjar fl-anqas żmien possibbli. Dan qed nagħmluh permezz ta' programmi apposta finanzjati mit-taxxi tagħna kif ukoll minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

Quddiem din ir-realtà li ma tistax tkun evitata, soluzzjoni waħda biss hemm. Pajjiżna jrid jikkonċentra r-riżorsi kollha tiegħu biex ikompli jittrasforma s-settur ekonomiku u produttiv f'wieħed li jmur għal kwalità għolja u għal aktar valur fil-prodott.

Hekk qegħdin nagħmlu u m'hemmx dubju li l-programm politiku u ekonomiku tagħna qiegħed iħalli r-riżultati kif ippjanat.

Il-kuraġġ u l-ottimiżmu tagħna għall-ġejjieni huwa mibni fuq il-fatti li għandna quddiemna. Dawn il-fatti juru li matul din is-sena pajjiżna għamel passi mportanti 'l quddiem meta mqabbla mal-pajjiżi kompetituri tagħna. Il-fatti li qiegħed nitkellem fuqhom, m'humiex l-opinjoni ta' xi ħadd, iżda huma riżultati, ċifri u analiżi li saru u ġew verifikati minn awtoritajiet ewropej u istituzzjonijiet internazzjonali li xogħolhom huwa proprju dan – li jagħtu kredibilita' għal analiżi oġġettiva u klinika ta' kif tkun sejra l-ekonomija tal-pajjiż.

Ħalli nsemmi ftit minn dawn il-fatti. Skond iċ-ċifri publikati mill-aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-iStatistika, il-Eurostat, fl-esportazzjoni ras għal ras, Malta ikklassifikat ruħha fil-ħdax-il post meta mqabbla mal-bqija tal-Unjoni Ewropea. F'dak li huwa l-investiment dirett barrani, Malta kklassifikat ruħha fis-sitt post meta ġie mqabbel il-valur ras għal ras mal-25 Membru. Dawn mhumiex kisbiet żgħar u żgur ma ġewx b'kumbinazzjoni. Huma riżultat tad-direzzjoni ċara li tajna lil pajjiżna, l-investiment tal-Gvern u s-settur privat u l-ħila tal-ħaddiem Malti li jirrispondi għall-opportunitajiet li jiġu quddiemu.

Ma nistgħux nikkuntentaw ruħna bil-kisbiet tagħna s'issa u nieqfu hawn. Irridu nkomplu nsaħħu l-oqsma ekonomiċi ta' pajjiżna li għandhom il-potenzjal li jwasslu għal aktar produttività u kompetittività biex l-ekonomija tagħna tikber u toffri aktar opportunitajiet ta' xogħol u kwalità ta' ħajja li tassew tixraq lill-poplu tagħna.

Irridu nagħrfu wkoll li sabiex insostnu dan it-tkabbir ekonomiku u nkomplu niġbdu l-investiment jeħtieġ li nkomplu npoġġu l-qagħda finanzjarja tal-Gvern fuq sisien sostenibbli. Anke hawn irnexxielna. B'sodisfazzjon ngħid li għal darba oħra l-Gvern żamm mal-miri fiskali tiegħu u ser jagħlaq id-*deficit* fil-fond konsolidat din is-sena fil-livell ipproġettat ta' anqas minn Lm76 miljun.

Huma dawn ir-riżultati inkoraġġanti li jippermettulna li nresqu llejla quddiem din il-Kamra biex nippreżentaw Baġit b'*deficit* li għall-ewwel darba f'dawn l-aħħar snin, ser jinżel taħt it-3% ta' dak li jipproduċi l-pajjiż. Din kienet mira li ilna nistinkaw għaliha u nixtieq nirringrazzja lill-poplu ta' l-isforzi li lkoll għamilna biex wasalna s'hawn. Dan it-tnaqqis fid-*deficit* ifisser li Malta qed issir aktar attraenti għal min irid jinvesti, ifisser ukoll inqas spejjeż biex inħallsu l-imgħax tad-dejn fil-futur, u aktar riżorsi għall-investiment produttiv.

*Mr. Speaker*, din hija t-tieni sena konsekuttiva li ser inkunu żammejna mal-miri iebsin li stabbilejna għall-finanzi ta' pajjiżna. Min kien xettiku issa għandu tweġiba. Wasalna s'hawn bil-ħila tal-poplu Malti. Issa rridu nkomplu nibnu fuq ħilitna.

**ĦARSA LEJN L-2005**

*Mr. Speaker,* is-sena li għaddiet stabbilejna tliet prioritajiet bħala l-pilastri li fuqhom irridu nġeddu lil pajjiżna: l-ekonomija, l-edukazzjoni u l-ambjent. Fit-tliet oqsma irnexxielna nakkwistaw riżultati nkoraġġanti ħafna u issa qegħdin naraw il-frott tal-ħidma li wettaqna. Bi pjaċir ngħid li bdejna niksbu r-riżultati u għax huma parti integrali mit-triq biex naslu għall-viżjoni tagħna, dawn ser jibqgħu l-pilastri ewlenin fil-ħidma tagħna.

Ikun sew li issa nagħti ħarsa lejn dak li rnexxilna niksbu matul is-sena li għaddiet.

***Il-Finanzi Pubbliċi u Sehem il-Gvern fl-Ekonomija***

Fil-Baġit tas-sena 2005 aħna ħadna miżuri biex inniżżlu d-*deficit* fil-Fond Konsolidat tal-Gvern minn Lm94 miljun għas-sena 2004 għal Lm76 miljun, tnaqqis ta' Lm18-il miljun. Kif għadni kif ħabbart irnexxielna nilħqu l-mira li kellna quddiemna. Dan ifisser li d-*deficit* tal-Gvern minn 5.1% ta' dak li jipproduċi l-pajjiż ser jinżel għal-livell ta' 4.0%. Dan għamilnieh primarjament billi komplejna nsaħħu l-isforzi tagħna fil-ġbir tat-taxxi u billi ħadna l-miżuri meħtieġa biex innaqqsu l-ispiża tal-Gvern.

Din il-kisba mhijiex żgħira. Matul din is-sena, pajjiżi oħra ħafna akbar minna, raw id-*deficit* tagħhom jikber. Aħna qed narawh jinżel.

Qed nippublika f'dan id-Diskors Tabella Numru 1, li nitlob lill-Kamra li tieħu b'moqrija, li turi r-riżultati finanzjarji tal-2005 imqabbla ma' dak oriġinarjament proġettat f'Novembru li għadda  ma' l-2004.

*Tabella Nru. 1*

## IL-QAGĦDA FISKALI 2004 - 2005

*Lm'000*

| | 2004 Attwali | | 2005 Approvat | | 2005 Rivedut | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Qagħda fil-Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dħul Totali | | 813,027 | | 900,084 | | 913,016 |
| Dħul minn Taxxi | 702,004 | | 756,257 | | 738,925 | |
| Dħul Ieħor | 111,023 | | 143,827 | | 174,091 | |
| Nefqa Totali Rikurrenti | | 802,424 | | 839,108 | | 843,896 |
| Spiża Rikurrenti | 732,844 | | 761,404 | | 768,789 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | 69,580 | | 77,704 | | 75,107 | |
| Surplus Rikurrenti | 10,603 | | 60,976 | | 69,120 | |
| Nefqa Kapitali | | 104,620 | | 137,076 | | 145,110 |
| Nefqa Totali | | 907,044 | | 976,184 | | 989,006 |
| *Deficit* Strutturali | | (94,017) | | (76,100) | | (75,990) |
| Finanzjament | | | | | | |
| Ħlas lura dirett ta' Self | (14,419) | | 0 | | (2,500) | |
| Kontribuzzjonijiet għas-*Sinking Fund* | (12,445) | | (12,474) | | (12,474) | |
| Bilanċ fis-*Sinking Fund* ta' Stokk Konvertit | 8,899 | | 4,000 | | 4,000 | |
| Bejgħ ta' Assi | 0 | (17,965) | 50,000 | 41,526 | 18,000 | 7,026 |
| Ħtieġa ta' Self | | (111,982) | | (34,574) | | (68,964) |
| Self Barrani | | 0 | | 15,000 | | 0 |
| Bilanċ fl-1 ta' Jannar | (80,317) | | (119,011) | | (92,351) | |
| Self Lokali | 99,948 | 19,631 | 100,000 | (19,011) | 110,000 | 17,649 |
| Bilanċ fil-31 ta' Diċembru | | (92,351) | | (38,585) | | (51,315) |
| Aġġustamenti E.S.A.'95 | | 152 | | | | 2,555 |
| *Deficit* tal-Gvern Estiż | (93,865) | | | | (73,435) | |
| Prodott Gross Domestiku | 1,828,000 | | | | 1,898,900 | |
| *Deficit* tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Gross Domestiku | 5.13% | | | | 3.87% | |

Rapport dettaljat tal-qagħda finanzjarja jinsab fl-Estimi Ġenerali li qed ukoll inpoġġi kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra u fl-istatements dettaljat mehmuża ma' dan id-Diskors.

*Mr. Speaker*, ħalli nispjega bi ftit ċifri kif irnexxielna nilħqu r-riżultati li ksibna.

Id-dħul tal-Gvern għas-sena 2005 żdied b'Lm100 miljun meta imqabbel ma' l-2004. Tajjeb li wieħed jinnota li d-dħul tal-Gvern mill-VAT żdied b'Lm27 miljun, u b'Lm1.4 miljun aktar milli kkalkulajna fil-bidu ta' din is-sena. It-taxxa fuq id-dħul ukoll irrendiet Lm2.4 miljun aktar minn dak li kkalkulajna, żieda ta' Lm13.4 miljun fuq is-sena li għaddiet. Huwa tajjeb li nfakkar li il-Gvern la żied il-VAT u lanqas it-Taxxa fuq id-Dħul; u għalhekk din iż-żieda hija ndikazzjoni pożittiva ta' l-attività ġġenerata mill-ekonomija. Kien hemm ukoll dħul ta' Lm6.3 miljun mill-Iskema tar-Reġistrazzjoni fuq l-Investimenti u, fuq bażi ta' *commitments*, kien hemm ukoll żieda ta' Lm39.9 miljun netti f'fondi mill-Unjoni Ewropea u Lm12.8 miljun mill-Protokol Taljan.

Meta nħarsu lejn in-nefqa tal-Gvern din żdiedet bi Lm82 miljun fuq is-sena li għaddiet. L-akbar żieda fl-ispiża rikurrenti kienet marbuta mal-pensjonijiet u s-servizzi soċjali - żieda ta' Lm17.5 miljun. Kien hemm żidiet oħrajn li jinkludu Lm3.5 miljun sussidji fuq l-agrikoltura, Lm2.5 miljun f'salarji, Lm1.7 miljun fil-mediċini u Lm5.5 miljun fi ħlas ta' interessi.

Iż-żieda f'dik li hija spiża kapitali kienu marbutin ma' Lm18.5 miljun fi proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea, Lm10.9 miljun oħra fi proġetti ffinanzjati mill-protokol Taljan. Barra minn dan, din is-sena kellna nantiċipaw pagament ta' Lm9.7 miljun aktar fuq il-proġett tal-Isptar Mater Dei, u dan minħabba li tħaffu x-xogħolijiet wara li ġie miftiehem il-kuntratt il-ġdid.

Irnexxielna wkoll inrażżnu n-nefqa tal-Gvern. Fost il-miżuri li ħadna din is-sena ħadna ħsieb nutiliżżaw ir-riżorsi umani bl-aktar mod effettiv. Kien għalhekk li, fl-Uffiċju tal-Prim Ministru u l-Ministeru tal-Finanzi bdiet riorganizzazjoni bit-twaqqif ta' żewġ taqsimiet kruċjali għal dan il-għan, il-*Financial Management and Monitoring Unit* u ir-*Recruitment and Redeployment Action Group*. Dan wassal biex naqqasna b'Lm4.3 miljun n-nefqa fis-salarji tal-Gvern, permezz ta' aktar kontroll fuq ir-reklutaġġ u użu aħjar tal-ħaddiema li għandu l-Gvern, u ta' prattiċi ġodda fl-operat. F'dik li hija n-nefqa mill-entitajiet tal-Gvern, matul din is-sena l-Gvern naqqas l-ispiża tiegħu b'Lm2.3 miljun.

Il-Gvern beda wkoll proċess ta' konsolidazzjoni fl-entitajiet tiegħu sabiex jelimina d-duplikazzjoni u jtejjeb is-sinerġija. Is-Central Information Management Unit ġiet inkorporata mal-MITTS Ltd, waqt li ċ-Ċentru Malti għar-Restawr ngħaqad mal-Heritage Malta. Dan il-proċess ser ikompli tul is-sena d-dieħla.

Ħadna wkoll passi biex inwaqqfu Direttorat ġdid Kontra l-Frodi fil-Benefiċċji Soċjali biex tiħrax il-ġlieda kontra kull abbuż fis-servizzi soċjali. Fl-ewwel xhur ta' xogħol ta' dan id-direttorat, il-Gvern diġà ffranka Lm250,000.

Komplejna bl-isforzi tagħna biex innaqqsu r-rwol tal-Gvern bħala operatur fl-ekonomija u nsaħħu s-sehem tal-privat. Il-proċess biex insibu msieħeb strateġiku għall-Maltacom u għat-Tug Malta miexi skond kif ippjanat. Sinjal ieħor posittiv ħafna kien ir-rispons tal-pubbliku għall-offerta li saret għall-ishma tal-Malta International Airport fejn għal darba oħra dan ir-rispons issupera kull previżjoni, anke l-aktar waħda ottimista.

Qed noħolqu iżjed opportunitajiet ta' parteċipazzjoni tas-settur privat f'*public private partnerships* u konċessjonijiet. Ħriġna numru ta' *development briefs*, fost l-oħrajn ta' Mercury House u Pender Place, is-sejħa għall-iżvilupp tal-Baċir Numru 1, l-introduzzjoni tas-sistema *Park and Ride*, u l-offerta għall-*catering* ta' l-isptar Mater Dei. Il-proċess ta' l-għażla ta' l-imsieħeb privat biex jiżviluppa u jopera d-dar tal-

komunità fil-Mellieħa qiegħed fi stadju avvanzat. Parti integrali minn dan il-proċess kien il-fatt li mplimentajna qafas regolatorju ġdid konformi mar-regoli tal-Unjoni Ewropea li jippermettu *tendering* li jakkomoda l-kunċett ta' *public–private partnerships*.

Komplejna noħolqu l-ambjent meħtieġ biex jiġi mħajjar aktar investiment. Matul din is-sena l-Malta Enterprise approvat, sa Settembru, Lm2.4 miljun f'self b'imgħax baxx. Sat-30 ta' Settembru 2005 l-Malta Enterprise approvat 52 applikazzjoni għal proġetti ta' investiment f'Malta. Dawn il-proġetti mistennija li jissarrfu f'Lm23.6 miljun f'investiment u joħolqu 632 impjieg.

Is-settur tas-servizzi finanzjarji kompla jikber u joħloq opportunitajiet ġodda; 1,711-il kumpanija ġdida ġiet reġistrata fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena. Ma' dawn ġew reġistrati 7 kumpaniji fis-settur tal-assikurazzjoni u żewġ istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra. L-Awtorita' Maltija għas-Servizzi Finanzjarji għandha reġistrati magħha 107 *collective investment schemes* b'valur ta' assi li jaqbeż il-Lm570 biljun, żieda ta' Lm140 biljun fuq is-sena li għaddiet.

Taħt id-direzzjoni tal-Kumitat Inter-Ministerjali dwar it-Turiżmu, immexxi minni, għaddejjin sforzi kbar biex insaħħu l-prodott turistiku tagħna billi, fost l-ohrajn, intejbu l-patrimonju kulturali u l-ambjent tagħna. Bdejna r-riabilitazzjoni ta' siti storiċi bħal Ħaġar Qim, l-Imnajdra u l-Ġgantija. Sar xogħol ta' tisbiħ f'Buġibba, Paceville u t-triq mill-Ajruport sal-Belt. Ittrasformajna l-Bajja ta' San Ġorġ f'waħda mill-isbaħ bajjiet f'pajjiżna. Saru diversi xogħlijiet ta' tisbiħ u fit-toroq il-ġodda sar xogħol ta' *landscaping* li kulħadd jista' jara b'għajnejh.

F'dak li hu nvestiment f'Għawdex, matul din is-sena l-Gvern alloka Lm500,000 aktar, fuq l-ispiża ġa allokata għal investiment fit-toroq, biex insaħħu l-infrastruttura ġenerali u b'hekk ngħollu l-valur tal-prodott turistiku Għawdxi. Is-sejħiet għall-offerti għat-toroq li ser ikunu finanzjati mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea issa ħarġu biex b'hekk ikunu jistgħu jibdew fil-futur qrib ix-xogħlijiet fuq it-toroq arterjali li jagħtu mir-Rabat għal San Lawrenz, Triq l-Imġarr u Triq Xlendi.

Kif taf din il-Kamra, f'April li għadda, ħadna d-deċiżjoni li pajjiżna jissieħeb fl-ERM II u b'hekk qbadna t-triq lejn l-introduzzjoni ta' l-Euro. Il-Gvern jemmen li l-Euro għandu jġib miegħu numru ta' vantaġġi lill-ekonomija tagħna billi, fost l-oħrajn, l-industrija u l-konsumatur f'pajjiżna jonqsilhom ir-riskju ta' ċaqliq fuq il-kambju, ikollhom aċċess akbar għas-swieq finanzjarji, u jkollhom rata ta' imgħax aktar kompetittiva minn dawk offruti fuq il-Lira Maltija. Biex inħejju għal din il-bidla, il-Gvern waqqaf kumitat nazzjonali li fih qed jiġu nvoluti l-korpi kostitwiti u s-soċjetà ċivili. Aktar tard ser nagħti aktar dettalji dwar l-istrateġija li pajjiżna ser jadotta f'dan il-qasam.

**L-Andament ta' l-Ekonomija**

*Mr. Speaker*, kif għedt diġa', l-ekonomija kienet l-ewwel pilastru u l-ewwel priorita' li poġġejna fil-Baġit għal din is-sena. Nixtieq nippreżenta lill-Kamra r-riżultati ekonomiċi li ksibna bis-saħħa tal-miżuri u l-inizjattivi li wettaqna matul din is-sena u li diġà tkellimt dwarhom.

Il-fatti jitkellmu waħedhom. L-ekonomija qiegħda turi sinjali ċari li qed tirkupra sewwa. Hija ħasra li f'dan il-pajjiż tagħna, hawn min jibqa' jsostni messaġġi negattivi, irrispettivament miċ-ċifri uffiċjali li juru, iswed fuq l-abjad, il-progress li qegħdin nagħmlu. Dan mhux sewwa. Mhux għax aħna kontra diskussjoni dwar l-istat ta' l-ekonomija. Iżda l-kantaliena li aħna dejjem wara kulħadd, li m'aħna kapaċi nikkompetu ma' ħadd, li l-ambjent li qed ngħixu fih qed irażżan kull inizjattiva ta' investiment, li wara kollox mhix vera, tagħmel ħsara għad-dehra tal-pajjiż.

Possibbli li m'aħniex kapaċi aħna bħala nazzjon u poplu inwasslu messaġġ wieħed flimkien? Il-messaġġ tagħna, *Mr. Speaker*, għandu jkun: għandna ħaddiema kapaċi u flessibbli; intraprendituri Maltin u barranin li diġà nvestew f'pajjiżna u rnexxew; għandna pakkett attrajenti ta' inċentivi għall-industrija; qafas leġislattiv mill-aqwa għas-settur tas-servizzi finanzjarji; settur ta' l-informatika u tat-

telekomunikazzjoni żviluppat u avvanzat; wirt storiku u kulturali uniku u li huwa l-għira ta' bosta pajjiżi oħra. Dan hu l-messaġġ li għandu jitwassal minna lkoll. Imma sfortunatament hawn min irid ikompli jmeri s-sewwa magħruf u qiegħed jagħżel triq li jpingi kollox iswed biex jipprova jaqta' qalb in-nies. Dan mhux sew.

Jekk hemm kejl tal-fiduċja li teżisti fl-ekonomija u l-prospetti ta' dan il-pajjiż, huwa kemm qed jirnexxilna nattiraw l-investiment. X'ifisser l-investiment? Ifisser li l-imprenditur għandu fiduċja f'pajjiżna u lest jissogra jinvesti flusu f'pajjiżna.

Illum għandi t-tweġiba għal min hu xettiku. F'termini nominali, l-investiment għall-ewwel disa' xhur ta' din is-sena żdied b'7.0% jew Lm19.6 miljun, jiġifieri minn Lm278.7 miljun għal Lm298.4 miljun. F'termini reali din iż-żjieda tfisser qabża 'l fuq ta' 5%, għal Lm268.6 miljun fuq is-sena li għaddiet.

Nittama li dawk li jgħoxew ipinġu lil pajjiżna bħala wieħed li sejjer lura, jirrealiżżaw li dawn iċ-ċifri ifissru li matul l-ewwel disa' xhur ta' din is-sena kellna nvestiment ta' Lm1.18 miljun kuljum bis-Sibt u l-Ħadd inklużi.

Ma' dan inżid ngħid ukoll li ir-riżervi barranin tagħna żdiedu b'Lm41.4 miljun għal Lm911.7 miljun sa l-aħħar ta' Settembru.

Mill-banda l-oħra nirrikonoxxi li f'termini ta' valur reali, l-esportazzjoni tal-prodotti u s-servizzi niżlet b'6.8% għal Lm1,088.0 miljun. Imma anke dan il-fatt irid jiġi analiżżat sew. It-tnaqqis li sar ma kienx riżultat ta' tnaqqis fil-volumi tal-prodotti. Bħala volum, ipproduċejna u esportajna aktar, iżda minħabba l-pressjoni tal-prezzijiet li qed iġġib magħha l-kompetizzjoni internazzjonali, l-valur naqas. Għalhekk jeħtieġ li bħala pajjiż nibqgħu niffukaw fuq il-kompetittività u fuq dawk il-prodotti li jġibu valur miżjud ogħla. L-importazzjoni ta' prodotti u servizzi niżlet marġinalment b'0.9% għal Lm1,095.9 miljun f'termini nominali; f'termini reali, naqset bi 2.9%.

Sinjal ieħor pożittiv li jikkonferma li qegħdin fit-triq it-tajba, huwa t-tkabbir li rreġistrajna fl-ekonomija tagħna. Meta nħarsu lejn dak li rnexxielu joħloq il-pajjiż din is-sena, insibu li fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena, l-ekonomija Maltija kibret f'termini reali b'1.7% meta mqabbla mal-istess perjodu s-sena li għaddiet. Dan jitqabbel tajjeb ħafna ma' l-ekonomiji ta' l-Ewropa li huma kompetituri tagħna. Tajjeb ukoll li nenfasizza li fit-tielet kwart tas-sena iż-żjieda f'termini reali kienet ta' 2.7%.

Meta wieħed janalizza d-diversi setturi li kkontribwixxew għal dan it-tkabbir isib li dan qed ikun iġġenerat minn kważi s-setturi kollha. Fil-fatt, fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena rajna titjib fil-qagħda ekonomika fis-setturi ta' l-agrikoltura u s-sajd, tal-barrieri u l-kostruzzjoni, tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut u ta' l-oqsma tal-lukandi u r-ristoranti. Rajna titjib ukoll fl-oqsma tat-trasport u l-komunikazzjoni, fis-settur finanzjarju, fil-qasam tar-*real estate*, ta' l-edukazzjoni u s-saħħa kif ukoll f'dak tad-divertiment, il-kultura u s-servizzi personali.

Min-naħa l-oħra, kif mistenni, rajna attività ekonomika kemmxejn kajmana fl-oqsma tal-manifattura u ta' l-enerġija u l-ilma, minħabba ż-żieda fil-prezz taż-żejt u l-effetti tal-globalizzazzjoni li diġà aċċennajt għalihom aktar kmieni llejla.

Hu stmat illi fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena, il-bejġħ mill-oqsma tas-servizzi, minbarra t-turiżmu, żdied bi Lm12.1 miljun jew bi 2.7% għal Lm461.7 miljun minn Lm449.6 miljun fl-istess perjodu s-sena li għaddiet.

Fil-qasam tat-turiżmu, fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena, in-numru ta' turisti li żaru Malta laħqu 931,213 li jfisser żieda ta' 1.2% fuq l-istess perjodu tas-sena li għaddiet. In-numru ta' passiġġieri li ġew Malta permezz ta' *cruise liners* kien ta' 217,281 li jfisser żieda ta' 20,923 jew ta' 10.7% fuq l-istess perjodu s-sena li għaddiet.

Il-qligħ f'munita barranija mit-turiżmu laħaq il-Lm204.7 miljun li hija żieda ta' 1.3% fuq is-sena li għaddiet. Ras għal ras, il-qligħ mit-turiżmu kien ta' Lm219.80. Il-qligħ għal kull ġurnata li t-turisti għaddew fostna żdied b'2.7% għal Lm22.90 meta mqabbel mas-sena li għaddiet.

Meta nħarsu lejn il-konsum, matul l-ewwel disa' xhur ta' din is-sena l-infiq fil-konsum mid-djar Maltin żdied b'Lm20.8 miljun jew 2.4% f'termini nominali għal Lm872.4 miljun minn Lm851.6 miljun fl-istess perjodu s-sena li għaddiet. Mill-banda l-oħra, ir-rata ta' tfaddil mill-familji tagħna żdiedet għal 5.8% – żvilupp li għandu jkattar l-opportunitajiet għal aktar investiment produttiv fil-futur.

L-importanza ta' dawn ir-riżultati toħroġ aktar qawwija jekk wieħed jikkunsidra l-fatt li l-konsum tal-Gvern niżel b'1.7% f'termini nominali għal Lm302 miljun. F'termini reali l-ispiża tal-Gvern naqset bi 3.8% għal Lm252.7 miljun. Dan jikkonferma li l-Gvern qed iżomm mal-impenn li għamel ma' l-Imsieħba Soċjali li jnaqqas in-nefqa tiegħu. Wieħed irid japprezza li dan it-tnaqqis ikkontribwixxa b'mod negattiv lejn it-tkabbir tal-Prodott Gross Domestiku, li għaldaqstant seta' faċilment kien ogħla li kieku l-Gvern ma qabadx politika ta' aktar kontroll fuq l-infiq.

Dan il-fatt jistħoqqlu spejgazzjoni sempliċi għal benefiċċju ta' min m'huwiex tekniku. It-tkabbir ekonomiku jitkejjel fuq diversi fatturi, nkluż kemm jonfoq il-Gvern. Għalhekk, jekk il-Gvern iżid fl-ispiża tiegħu, dan iġib miegħu żjieda ukoll fiċ-ċifra tat-tkabbir ekonomiku. Imma jekk il-Gvern inaqqas l-ispiża tiegħu, jiġri bil-kontra. L-isfida li kellna quddiemna kienet li nnaqsu l-ispiża tal-Gvern u xorta inġibu t-tkabbir ekonomiku. Hekk irnexxielna nagħmlu.

Fil-fatt, li kieku l-Gvern żamm il-konsum tiegħu fuq il-livell tas-sena l-oħra, it-tkabbir ekonomiku fl-ewwel disa' xhur kien ikun ta' madwar 2.4% f'termini reali, minflok il-1.7% li ġew reġistrati. Ma' dan irrid inżid illi kieku il-prezzijiet taż-żejt baqgħu kif kienu s-sena l-oħra,

xahar b'xahar, it-tkabbir ekonomiku fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena kien ikun ta' 3.4%, f'termini reali, jiġifieri d-doppju ta' dak li ġie rreġistrat. Dan ikompli jikkonferma li t-tkabbir ġej direttament mis-setturi produttivi ta' pajjiżna.

L-inflazzjoni kienet laħqet il-2.76% sa Settembru 2005. Il-prezz dejjem jogħla taż-żejt għandu mpatt qawwi fuq ir-rata ta' l-inflazzjoni. Fil-fatt, l-inflazzjoni annwali fir-rigward ta' l-ilma, l-elettriku, il-gass u l-*fuels* laħqet it-18%.

B'riżultat ta' dan, iż-żjieda għall-għoli tal-ħajja għas-sena 2006 kellha tkun ta' Lm1.75 fil-ġimgħa. In vista taż-żjieda fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma li ħabbarna il-ġimgħa li għaddiet, qed nieħdu d-deċiżjoni li ż-żieda għall-għoli tal-ħajja ser tiġi antiċipata b'Lm0.50ċ minn dak li kieku kien ser jingħata s–sena d-dieħla. Dan ifisser li għall-2006, iż-żieda ser tkun ta' Lm2.25 fil-ġimgħa. Fil-każ tal-pensjonanti ż-żieda li qed tiġi mogħtija bħala kumpens għall-effett tad-dawl u l-ilma ser tiġi mogħtija b'mod sħiħ, u għaldaqstant iż-żieda tal-pensjonanti għall-għoli tal-ħajja ta' Lm1.67 fil-ġimgħa.

L-inflazzjoni kif imkejla bl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet bl-Imnut laħqet it-2.2%. Din kienet fl-istess livell tal-medja tal-Unjoni Ewropea u taż-Żona tal-Euro iżda kienet inqas mir-rata ta' l-inflazzjoni ta' ħafna mill-istati membri tal-Unjoni Ewropea.

**Is-Suq tax-Xogħol**

Żgur li r-riżultati li qed niksbu fis-suq tax-xogħol huma indikatur pożittiv ieħor ta' l-istat ta' l-ekonomija. Sa l-aħħar ta' Settembru ta' din is-sena n-numru ta' persuni jaħdmu bi qligħ fuq bażi *full-time* laħaq 137,813; żjieda ta' 0.2% fuq is-sena li għaddiet. Kien hemm żidiet fl-impjiegi fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, tal-bejgħ bl-ingrossa, l-agrikoltura, it-trasport u s-settur tal-kostruzzjoni.

In-numru ta' nisa jaħdmu bi qligħ kien ta' 40,983: żieda ta' 402 jew 1% fuq is-sena li għaddiet.

Tajjeb li wieħed isemmi li l-ekonomija tagħna rnexxiela wkoll tiġġenera numru sostanzjali ta' mpjiegi *part-time*. Fil-fatt, in-numru ta' persuni b'impjieg *part-time* bħala x-xogħol prinċipali tagħhom laħaq 23,138 persuna, żieda ta' 2,190 persuna jew 10.5%.

In-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol fuq l-ewwel żewġ partijiet tar-reġistru tal-qgħad kien ta' 7,210. Għalhekk ir-rata ta' dawk ifittxu x-xogħol kienet ta' 5%. Dan ifisser tnaqqis ta' 930 persuna, jew ta' 11.4%, fuq is-sena li għaddiet. Din hija wkoll waħda mill-inqas rati ta' qgħad f'dawn l-aħħar għaxar snin.

***Edukazzjoni***

*Mr. Speaker*, l-Edukazzjoni hija prijorita' għall-istrateġija li biha qed immexxu pajjiżna mhux biss għax poplu edukat huwa poplu ħieles imma wkoll għax l-edukazzjoni hija l-aqwa politika soċjali u l-aqwa politika ekonomika li pajjiżna jista' jħaddem.

Is-sena 2005 kienet sena oħra fejn il-Gvern kompla jagħti xhieda ta' l-impenn sħiħ tiegħu fil-qasam ta' l-edukazzjoni. Komplejna bil-ħidma biex inwettqu l-proġett ambizzjuz li fuq firxa ta' snin naraw l-iskejjel kollha ta' l-Istat trasformati fi skejjel moderni għal uliedna. Aktar minn Lm3 miljun u nofs ġew investiti fuq bini, riabilitazzjoni u mmodernizzar ta' l-iskejjel permezz tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada. L-iskola ġdida f'Ħal Kirkop, fi ħdan il-Kulleġġ San Benedittu, laqgħet l-ewwel studenti b'investiment kapitali ta' madwar Lm3 5 miljun. Din hija skola ta' l-ogħla kwalità, li nbniet fiż-żmien li kien ippjanat u skond in-nefqa proġettata, u toffri ambjent mill-aqwa fejn uliedna jistgħu jitgħallmu l-ħiliet li għandhom bżonn biex jagħmlu suċċess f'ħajjithom.

Il-Gvern ta bidu għat-twettiq ta' l-ewwel fażi pilota tal-proġett tiegħu li jorganizza u jsaħħaħ l-iskejjel ta' l-Istat, fil-livelli ta' kindergarten,

primarju sas-sekondarju, f'Kulleġġi reġjonali. Din il-fażi tal-proġett pilota tinkludi t-tliet Kulleġġi tal-Kottonera, ta' Għawdex u ta' San Benedittu. Tajna wkoll bidu għat-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Spiteri dwar l-edukazzjoni speċjali u dik inklużiva.L-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet ta' dan ir-rapport huma ta' prijorità assoluta għal matul is-sena d-dieħla.

Komplejna insaħħu l-livell post-sekondarju, vokazzjonali u terzjarju. Minbarra l-investiment kapitali li wettaqna fl-MCAST u fl-Università, qed naħdmu wkoll fuq ir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Chalmers dwar l-iffinanzjar ta' l-edukazzjoni ogħla mill-Istat. Il-Gvern qabel li jwaqqaf Kummissjoni Nazzjonali dwar l-Edukazzjoni Ogħla kif ser nispjega aktar tard. Wettaqna proċess sħiħ ta' konsultazzjonijiet dwar it-tibdil meħtieġ fl-Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti u assigurajna sistema ta' stipendji li ser tilħaq aktar studenti fl-oqsma kollha post-sekondarji, speċjalment lil dawk li ġejjin minn familji fil-bżonn u minn Għawdex. Is-sistema l-ġdida hija maħsuba wkoll sabiex tinkoraġġixxi l-istudju u t-taħriġ fl-oqsma tax-xjenzi, l-inġinerija u teknoloġiji ġodda li qed isiru dejjem aktar importanti għat-tkabbir ta' l-ekonomija bbażata dejjem aktar fuq l-għerf. Fl-istess ħin komplejna bl-istudji tagħna ta' l-oqsma edukattivi biex f'qasir żmien ikollna stampa ċara tal-firxa kollha tas-sistema edukattiva biex fuqha nkomplu nibnu r-riformi meħtieġa.

*Ambjent*

Il-Gvern kompla bix-xogħol infrastrutturali importanti marbut ma' l-ambjent tagħna. Tlesta x-xogħol preliminari kollu sabiex jinbnew żewġ impjanti għat-trattament tad-drenaġġ, wieħed f'Għawdex li ser ikun komplut b'investiment ta' Lm3.2 miljun, u l-ieħor fit-tramuntana ta' Malta b'investiment ta' Lm3.7 miljun. Ix-xogħol huwa mistenni jibda fil-ġimgħat li ġejjin. Tkompla x-xogħol fuq l-*engineered landfill*, ir-riabilitazzjoni tal-Magħtab, u t-titjib ta' l-impjant għas-separazzjoni ta' l-iskart.

Ma nistax ma nsemmix l-investiment kbir li qed nagħmlu fit-toroq tagħna. Fl-2005 investejna Lm10.8 miljun permezz tal-Ħames Protokol Taljan biex bnejna toroq ġodda minn San Pawl tat-Tarġa sa Ħal Luqa u li nħadmu bi *standards* ta' livell internazzjonali, u Lm3.2 miljun mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea għal numru ta' toroq oħra.

Ambjent ma jfissirx biss titjib infrastrutturali li jagħmel il-Gvern. Jeħtieġ l-impenn tagħna wkoll. Jeħtieġ nagħmlu sforz biex nibdlu l-mentalità tal-Maltin fejn jidħol l-abbuż ta' l-ambjent tagħna. Għaldaqstant ħriġna regolamenti ġodda dwar ir-rimi illegali ta' l-iskart. Wara li qed nagħtu perjodu ta' żmien biex il-pubbliku jadatta ruħu ma' dawn ir-regolamenti, bi ħsiebna napplikawhom b'determinazzjoni. Introduċejna wkoll kampanja kontra t-tniġġiż mill-karozzi li ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-pubbliku. Introduċejna wkoll il-*Green Wardens* u bdejna kampanja biex indaħħlu kuxjenza ambjentali fl-amministrazzjoni pubblika.

Il-MEPA kienet involuta fil-ko-ordinazzjoni ta' proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea għal total ta' Lm1.3 miljun. Dan jinkludi xiri t'apparat sabiex jissaħħaħ il-monitoraġġ ta' l-arja, kif ukoll sabiex tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva ta' l-Awtorità fil-qasam ambjentali. Il-MEPA daħlet ukoll parteċipi ma' aġenziji oħra barranin fil-qasam ambjentali.

Baqa' għaddej ukoll ix-xogħol b'ritmu mgħaġġel fuq it-tfassil tal-Pjani Lokali, fuq ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Struttura u reviżjoni ta' numru ta' *policies* u regolamenti wara konsultazzjoni pubblika estensiva. Il-Pjani Lokali ser ikunu kompluti u approvati matul is-sena d-dieħla.

*Is-Settur Agrikolu*

Jidher li s-settur agrikolu u dak tar-raħħala stabbilixxew ruħhom wara d-dħul ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea. Dan seħħ bis-saħħa ta' l-għajnuniet li qed jingħataw kemm lis-settur tal-frott u l-ħxejjex, kif ukoll lis-settur tal-bhejjem mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea u mill-Gvern Malti.

Din l-għajnuna qed twassal biex il-bdiewa jirristrutturaw u b'hekk ikunu mħejjija tajjeb biex jiggwadanjaw mir-riforma fil-Pitkalija li se tidħol fis-seħħ matul din is-sena. Din ir-riforma ser twassal biex il-bidwi jkollu sehem akbar fit-tmexxija tal-Pitkalija u ser tiżgura li l-konsumatur Malti jgawdi minn prodotti lokali friski u ta' kwalità aħjar.

Dawn l-għajnuniet jikkonfermaw ukoll kemm in-negozjati ma' l-Unjoni Ewropea qed isarrfu f'benefiċċji li qed iservu biex jgħinu lis-settur agrikolu Malti jirristruttura ruħu u b'hekk ikun lest biex isir dejjem aktar effiċjenti u kompetittiv.

Li kieku bqajna barra mill-Unjoni Ewropea, dan ir-ristrutturar kien ikollu jsir xorta u dan mingħajr ebda għajnuna jew fondi mill-Unjoni Ewropea.

Fl-2005 tkompliet il-ħidma fuq skemi għall-iżvilupp rurali u fil-fatt b'kollox tħallsu Lm3.5 miljun f'miżuri għall-benefiċċju ta' bdiewa u raħħala Maltin u Għawdxin. Ingħataw jew waslu biex jingħataw Lm1.4 miljun lill-bdiewa, raħħala u ażjendi agrikoli biex jitkompla r-ristrutturar taħt il-miżuri riservati għal strutturi agrikoli, *marketing* u pproċessar.

Permezz ta' dawn l-għajnuniet tkompla r-ristrutturar fl-operat ta' bdiewa u raħħala u ta' proċessuri biex b'hekk jittejjeb il-prodott għall-konsumatur u jitnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni. F'dan l-isfond il-proċessuri ewlenin tal-laħam abjad u aħmar laħqu l-*Health Mark* li jiggarantixxi *traceability* u *food safety* għall-konsumatur. Ma' dan wieħed irid iżid Lm4.2 miljun fi ħlasijiet ta' sussidji biex jagħmlu tajjeb għal xi differenzi fil-prezzijiet bejn dawk ta' uħud mill-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u dawk tagħna.

***Is-Sajd***

Fil-qasam tas-sajd tkompliet ukoll tingħata għajnuna lis-sajjieda taħt il-programm ta' għajnuna għall-bastimenti tas-sajjieda Maltin u Għawdxin. Din is-sena kienet dominata mid-deċiżjoni unilaterali tal-Gvern Libjan dwar żona ta' konservazzjoni. F'dan ir-rigward il-ħidma diplomatika tal-Gvern Malti biex tinstab soluzzjoni ġusta għas-sajjieda Maltin u Għawdxin għadha għaddejja.

Rapport dettaljat ta' kif sejra l-ekonomija tal-pajjiż jinsab fl-*Economic Survey* li tiegħu qed inpoġġi kopja fuq il-Mejda tal-Kamra.

***Il-Politika Soċjali***

Fil-qasam tal-familja u l-politika soċjali, qed inkomplu nibnu qafas legali u istituzzjonali iżjed b'saħħtu. Il-liġi dwar il-vjolenza domestika waslet għat-tieni qari quddiem kumitat parlamentari. Ġiet pubblikata liġi ġdida fuq l-għaqdiet voluntarji bħala *white paper*. Barra minn dan, il-Kabinett qed jiddiskuti qafas regolatorju għall-kura tat-tfal.

L-investiment fil-qasam tas-saħħa baqa' għaddej b'ritmu qawwi. Wara li ntemmu n-negozjati ma' Skanska JV sena ilu, ix-xogħol fuq l-isptar Mater Dei ngħata spinta qawwija. Minħabba l-pass imgħaġġel tax-xogħol, in-nefqa ta' din is-sena kellha tiġi antiċipata b'Lm9.7 miljun skond it-termini tal-kuntratt il-ġdid. Il-Gvern hu determinat li jara illi tinżamm il-mira li l-isptar Mater Dei jinfetaħ f'Lulju tal-2007.

**BAĠIT 2006**

Fit-tfassil ta' dan il-Baġit, ridna nwarrbu l-prattika tas-segretezza, li toħloq inċertezza u spekulazzjoni bla bżonn. Il-Gvern immexxi minni jemmen li f'pajjiż matur u stabbli fejn id-demokrazija rabbiet għeruq fil-fond, il-Baġit għandu jsir b'mod aktar miftuħ u trasparenti. Waqt li l-Gvern jirrikonoxxi l-importanza li jkompli jikkonsulta ma' l-imsieħba soċjali fit-tfassil tal-Baġit, il-Gvern ħass il-ħtieġa li jwessa' l-konsultazzjoni għal kull min xtaq jagħti kontribut fit-tfassil tal-prijoritajiet ta' pajjiżna.

Kien għalhekk li wara sensiela ta' laqgħat ta' djalogu ma' kull min kien interessat li jipparteċipa, f'Lulju ta' din is-sena, b'mod innovattiv, ippubblikajna Dokument ta' Qabel il-Baġit li spjega x'inhi l-viżjoni tal-Gvern f'kuntest tar-realtajiet li konna qegħdin niffaċċjaw. Elenkajna l-prioritajiet kif konna qegħdin narawhom u stedinna lil kulħadd biex jikkontribwixxi bl-ideat, is-suġġerimenti u l-kritika. Hekk il-kunċett ta' djalogu tajnih valur akbar u minflok li ngħalaqna ma' l-imsieħba soċjali fl-aħħar ġranet ta' qabel il-Baġit, wessajna l-kunċett tad-djalogu kemm flaħna, u ftaħna beraħ il-bieb tal-konsultazzjoni kmieni biżżejjed biex nagħtu ċans lil kulħadd jikkontribwixxi għall-ġid ta' pajjiżna.

Ir-reazzjonijiet tad-diversi korpi kostitwiti, is-soċjetà ċivili, u l-pubbliku in ġenerali kemm għad-Dokument ta' Qabel il-Baġit kif ukoll fil-laqgħat li organizzajna f'Kastilja u f'Għawdex ikkonfermaw li hemm qbil dwar il-viżjoni li fassalna u mixjin biha.

Meta viżjoni tkun ta' kulħadd, twassal għall-istabbiltà u l-kontinwità meħtieġa biex pajjiżna tassew jimxi 'l quddiem. Xtaqt ħafna li jkun hemm kontribut validu – anke jekk kritiku – mill-Oppożizzjoni. Għaliex inħoss li nistgħu nagħmlu qabża fil-maturità politika tagħna jekk nagħrfu naħdmu aktar flimkien speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-prijoritajiet ta' pajjiżna. Sfortunatament dan ma seħħx, imma nibqa' nittama li għad jasal iż-żmien fejn din il-maturità

twassalna biex nagħrfu li hemm oqsma importanti fejn nistgħu tassew inkunu magħqudin fil-viżjoni għal pajjiżna.

Tajjeb ngħid li x-xogħol li għamilna biex infasslu din il-viżjoni u nibdew nilħquha huwa sostnut ukoll minn żewġ inizjattivi oħra li bdejna din is-sena. L-ewwel waħda hija l-Programm ta' Riforma Nazzjonali, li hu mmirat lejn l-Aġenda ta' Lisbona. Dan il-programm issa ġie ppreżentat lill-Unjoni Ewropea u jinkludi numru ta' programmi u inizjattivi li ġew identifikati għas-sena 2006. Dawn ser jiġu implimentati u, fejn jeħtieġ, finanzjati mill-Baġit li llum qed inressaq quddiem il-Parlament.

It-tieni proċess huwa dak marbut mat-tfassil tal-Programm ta' Riferenza dwar Strateġija Nazzjonali, li jrid jindirizza l-prijoritajiet li ser nagħżlu u dwar kif bi ħsiebna nutilizzaw il-fondi ta' l-Unjoni Ewropea għas-snin 2007 sa 2013. Irrid infakkar li f'dan l-istadju għad m'hemmx qbil fuq livell ta' Kunsill ta' Ministri tal-Unjoni Ewropea dwar il-Perspettivi Finanzjarji, jew aħjar il-Baġit tal-Unjoni Ewropea għal dawn is-snin. Nixtieq iżda nenfasizza li sal-lum f'dan il-proċess irnexxielna nagħmlu passi importanti biex pajjiżna jibqa' jikkwalifika fl-ogħla livell possibli f'dik li hi għajnuna mill-Unjoni Ewropea.

## L-INIZJATTIVI U L-MIŻURI GĦAS-SENA 2006

*Mr. Speaker*, nixtieq issa nibda billi nagħti ħarsa lejn l-inizjattivi u l-miżuri li qed nipproponu għal dan il-Baġit. Fid-Dokument ta' Qabel il-Baġit iċċarajna x'inhuma l-miri li rridu nilħqu biex naslu għall-viżjoni ta' kwalità ta' ħajja aħjar għaċ-ċittadini tagħna. Huwa tajjeb li nerġa nelenka ftit dawn il-miri.

- L-ewwelnett, għandna naslu għal qagħda bilanċjata fil-finanzi pubbliċi fuq numru ta' snin sabiex nakkwistaw il-flessibilità fiskali u b'hekk inkunu nistgħu nużaw il-finanzi pubbliċi bħala xprun għat-tkabbir ekonomiku u t-titjib fil-livell ta' l-għixien.
- It-tieni, li nħaddmu aħjar ir-riżorsi kapitali u umani tas-settur pubbliku sabiex dan is-settur iżid il-produttività, joffri kwalità ta' servizzi ogħla u jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku.
- It-tielet, norjentaw ir-rwol tal-Gvern fl-ekonomija lejn dak ta' regolatur li jiffaċilita l-attività tas-settur privat u mhux li joħodlu postu jew joħonqu.
- Ir-raba', intejbu l-flessibilità tas-swieq biex l-ekonomija tkun tista' tadatta ruħha aħjar għaċ-ċirkostanzi ġodda u b'hekk inżidu l-produttività.
- Il-ħames, niżguraw li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw minn edukazzjoni u taħriġ kontinwu matul ħajjithom.
- Is-sitta, intejbu l-kwalità ta' l-ambjent u l-infrastruttura tagħna, nirriġeneraw il-wirt kulturali tagħna waqt li nassiguraw żvilupp sostenibbli.
- Is-seba', nipprovdu xibka ta' sigurtà ekwa biex ħadd ma jibqa' lura.

Il-Gvern qed jistinka sabiex jilħaq dawn il-miri. Minn issa sa l-2010 ser nintroduċu gradwalment u b'mod għaqli t-tibdiliet, l-inizjattivi, u l-miżuri li hemm bżonn għal dan il-għan.

**It-Tkabbir Ekonomiku u l-Finanzi tal-Gvern**

Meta wieħed jiġi biex jitkellem dwar il-prospetti ekonomiċi għas-sena d-dieħla, ma jistax jinjora l-effetti tal-prezz taż-żejt. Il-prospetti għat-tkabbir ekonomiku f'pajjiżna huma affetwati direttament minn dak li qed jipprospettaw il-pajjiżi li magħhom l-aktar li nagħmlu kummerċ, partikolarment il-Ġermanja u Franza. Fil-bidu tas-sena dawn il-pajjiżi kienu qed jipprospettaw għall-2006 tkabb1ir ta' 1.6% u 2.2% rispettivament, iżda jidher li minħabba dak li ġara matul is-sena dawn il-pajjiżi jidhru li ser jirrevedu 'l isfel l-istimi tagħhom. Fl-isfond ta' dawn ir-realtajiet il-prospetti tat-tkabbir ekonomiku għal pajjiżna fil-2006 hu mistenni li jkun ta' madwar 1.1% f'termini reali u 3.9% f'termini nominali.

Wieħed ma jistax jistenna li l-inflazzjoni terġa' tibda tinżel qabel mal-prezz taż-żejt jerġa' jistabbilixxi ruħu fuq livelli aktar aċċettabli. Għaldaqstant, waqt li l-inflazzjoni għal din is-sena hi stmata ta' 2.8% għas-sena d-dieħla din mistennija tlaħħaq it-3.1%.

Ir-rata tal-qgħad f'pajjiżna niżlet u mistennija li tkompli tinżel minn 5.1% għal 4.9%, żgur rata ta' qgħad fost l-aktar baxxi fl-Unjoni Ewropea.

Skond il-Pjan ta' Konverġenza d-*deficit* għall-2006 fil-Fond Konsolidat ma kellux jeċċedi l-Lm50 miljun li kien ifisser li d-*deficit* tal-pajjiż għandu jinżel għal 2.3%. Il-Gvern qed jirrevedi din il-mira biex jirrifletti aħjar iċ-ċirkustanzi tal-llum partikolarment l-effett tal-prezz taż-żejt fuq in-nefqa tal-Gvern. Għalhekk waqt li qed nibqgħu kommessi lejn il-Pjan ta' Konverġenza qed nimmiraw li d-*deficit* għas-sena li ġejja jinżel għal Lm55 miljun, jiġifieri 2.8% tal-Prodott Gross Domestiku. Fis-sena 2007, id-*deficit* inniżżluh għal Lm50 miljun waqt li nilħqu Lm30 miljun fis-sena 2008.

Fl-istess ħin il-miri li poġġejna quddiemna u li huma fl-interess tagħna lkoll, jeħtieġ li nibqgħu kommessi lejhom jekk irridu nżommu ruħna kredibbli fuq livell internazzjonali u ma' dawk li qed iħarsu lejn Malta bħala opportunità ta' investiment.

Min-naħa l-oħra, mhux mistenni li din id-deċiżjoni b'xi mod tippreġudika l-miri li poġġejna quddiemna għas-sostenibbiltà finanzjarja tal-pajjiż. Dan għandu jassigurana wkoll li l-*credit rating* ta' Malta, li fuqha min jiddeċiedi li jinvesti jibbaża d-deċiżjonijiet tiegħu, jibqgħu jżommu l-livelli eċċellenti li diġa' ngawdu.

F'Tabella Numru 2, qed nagħti perspettiva tal-qagħda finanzjarja tal-Fond Konsolidat u tal-Gvern Estiż bejn l-2004 u l-2008.

## Il-QAGĦDA FISKALI 2004 - 2008

*Lm'000*

| | 2004 Attwali | | 2005 Rivedut | | 2006 Estimi | | 2007 Estimi | | 2008 Estimi | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Qagħda fil-Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dħul Totali | | 813,027 | | 913,016 | | 951,546 | | 922,036 | | 918,885 |
| Dħul minn Taxxi | 702,004 | | 738,925 | | 785,281 | | 814,731 | | 836,731 | |
| Dħul Ieħor | 111,023 | | 174,091 | | 166,265 | | 107,305 | | 82,154 | |
| Nefqa Totali Rikurrenti | | 802,424 | | 843,896 | | 857,801 | | 859,215 | | 871,777 |
| Spiża Rikurrenti | 732,844 | | 768,789 | | 781,901 | | 784,815 | | 796,477 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | 69,580 | | 75,107 | | 75,900 | | 74,400 | | 75,300 | |
| Surplus Rikurrenti | 10,603 | | 69,120 | | 93,745 | | 62,821 | | 47,108 | |
| Nefqa Kapitali | | 104,620 | | 145,110 | | 148,602 | | 112,744 | | 76,946 |
| Nefqa Totali | | 907,044 | | 989,006 | | 1,006,403 | | 971,959 | | 948,723 |
| *Deficit* Strutturali | | (94,017) | | (75,990) | | (54,857) | | (49,923) | | (29,838) |
| Finanzjament | | | | | | | | | | |
| Ħlas lura dirett ta' Self | (14,419) | | (2,500) | | (100) | | 0 | | 0 | |
| Kontibuzzjonijiet għas-*Sinking Fund* | (12,445) | | (12,474) | | (11,662) | | (9,642) | | (8,597) | |
| Bilanċ fis-*Sinking Fund* ta' Stokk Konvertit | 8,899 | | 4,000 | | 10,400 | | 5,900 | | 10,000 | |
| Bejgħ ta' Assi | 0 | (17,965) | 18,000 | 7,026 | 136,000 | 134,638 | 0 | (3,742) | 0 | 1,403 |
| Ħtieġa ta' Self | | (111,982) | | (68,964) | | 79,781 | | (53,665) | | (28,435) |
| Self Barrani | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| Bilanċ fl-1 ta' Jannar | (80,317) | | (92,351) | | (51,315) | | 28,466 | | 24,801 | |
| Self Lokali | 99,948 | 19,631 | 110,000 | 17,649 | 0 | (51,315) | 50,000 | 78,466 | 25,000 | 49,801 |
| Bilanċ fil-31 ta' Diċembru | | (92,351) | | (51,315) | | 28,466 | | 24,801 | | 21,366 |
| Aġġustamenti E.S.A. '95 | | 152 | | 2,555 | | 2,356 | | 3,517 | | 3,500 |
| *Deficit* tal-Gvern Estiż | (93,865) | | (73,435) | | (52,501) | | (46,406) | | (26,338) | |
| Prodott Gross Domestiku | 1,828,000 | | 1,898,900 | | 1,973,000 | | 2,050,600 | | 2,133,300 | |
| *Deficit* Strutturali bħala % tal-Prodott Gross Domestiku | 5.14% | | 4.00% | | 2.78% | | 2.43% | | 1.40% | |
| *Deficit* tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Gross Domestiku | 5.13% | | 3.87% | | 2.66% | | 2.26% | | 1.23% | |

Irrid infakkar lil kulħadd li l-isforzi tagħna m'humiex indirizzati biex innaqqsu d-*deficit* tal-finanzi pubbliċi biss. Il-Gvern ukoll qed jieħu passi konkreti biex iniżżel id-dejn nazzjonali. Tajjeb li ngħid li din is-sena d-dejn nazzjonali huwa 76.7% tal-GDP. Madanakollu l-istrateġija tal-Gvern hi li matul is-sena li ġejja jitħaffef il-piż tad-dejn fuq il-pajjiż, anke b'riżultat tal-privatizzazzjoni, kif jidher f'Tabella Numru 3 li nitlob il-Kamra li tieħu b'moqrija. Dan iwassal biex pajjiżna jiffranka mal-Lm8 miljun nteressi f'sena. Qed ngħid dan biex nuri li għandna l-potenzjal biex innaqqsu drastikament il-livell tad-dejn nazzjonali. Iżda rrid nenfasizza li għall-Gvern il-proċess ta' privatizzazzjoni m'huwiex iddettat minn din il-mira, imma huwa ddettat minn proċess bil-għaqal li jmur għal l-aħjar deċiżjonijiet strateġiċi u fit-tul li jgħoddu għall-ekonomija ta' pajjiżna.

*Tabella Nru 3*

**IL-BILANĊ TAD-DEJN TAL-GVERN**

*(Lm miljuni)*

| | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|
| *Stocks* tal-Gvern | 1,125 | 1,125 | 1,175 | 1,200 |
| *Bills* tat-Teżor | 202 | 150 | 120 | 120 |
| Self tal-*Ex-MDD, MSCL* | 25 | 25 | 25 | 25 |
| Self minn barra | 65 | 56 | 53 | 50 |
| EBUs | 40 | 40 | 40 | 40 |
| **Dejn tal-Gvern (Inklużi EBUs)** | **1,457** | **1,396** | **1,413** | **1,435** |
| *Prodott Gross Domestiku* | *1,898.9* | *1,973.0* | *2,050.6* | *2,133.3* |
| **Dejn bħala % tal-Prodott Gross Domestiku** | **76.7** % | **70.8** % | **68.9** % | **67.3** % |

**L-Euro**

In viżta tal-progress li ser inkunu għamilna fil-bilanċ tal-finanzi tal-Gvern, u sakemm inkunu wettaqna dan il-progress, il-Gvern jemmen li hu possibli li Malta tadotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2008 bil-vantaġġi kollha li semmejt aktar 'il fuq. Aħna determinati li nassiguraw li d-dħul ta' l-euro ma jiġix sfruttat minn min jabbuża bil-prezzijiet bħal ma ġara f'uħud mill-pajjiżi li għaddew minn din il-bidla. Huwa ċar li l-prezzijiet m'għandhomx għalfejn jogħlew. Din kienet waħda mir-raġunijiet li ħassejna l-ħtieġa li norbtu l-Lira Maltija minn issa 100% ma' l-euro; b'hekk nagħtu l-istabbiltà fil-kambju u r-rata li ser tiġi adottata fl-1 ta' Jannar 2008. Il-Gvern qed jaħseb ukoll f'leġislazzjoni li tobbliga lil min qed juri prezzijiet doppji fuq il-prodotti jew is-servizzi li joffri li jagħmel dan bir-rata stabbilita llum. Il-Kumitat Nazzjonali għall-Bidla lejn l-Euro ser iniedi kampanja ta' nformazzjoni biex jipprepara lill-pubbliku, lis-setturi kummerċjali u lill-operaturi finanzjarji għad-dħul ta' l-euro.

**Sistemi ta' Taxxa li Jinkoraġġixxu t-Tkabbir Ekonomiku**

Kif indikajna fid-Dokument ta' Qabel il-Baġit, il-Gvern bi ħsiebu jwaqqaf kummissjoni taħt it-tmexxija tas-Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Finanzi li ser ikollha l-kompitu li:

- tagħmel analiżi tas-sistema ta' taxxa f'Malta, kif din titqabbel mal-pajjiżi kompetituri tagħna u l-pajjiżi msieħba fl-Unjoni Ewropea, kif tista' tiffaċilita l-ħolqien ta' l-impjiegi, it-tfaddil, t-tkabbir ekonomiku, u tkun ta' vantaġġ kompetittiv internazzjonali;
- tqis l-istrutturi preżenti tat-taxxa fuq id-dħul ta' individwi u ta' kumpaniji, flimkien mal-possibbilità li jkun hemm tibdil fil-piż tat-taxxi minn dawk diretti għal dawk indiretti li huma bbażati fuq il-konsum u l-użu ta' ċerti riżorsi, u l-ambjent;
- tirrakkomanda dwar kif is-sistema tat-taxxi tista' tipprovdi aktar inċentivi għall-ħolqien ta' l-impjiegi u għat-tkabbir ekonomiku,

partikolarment min-naħa ta' l-intrapriżi ż-żgħar, u r-riċerka u l-iżvilupp;

- tevalwa l-qafas legali tat-taxxa bil-ħsieb li jiġu eliminati piżijiet żejda amministrattivi, li jitneħħew anomaliji u jitħaffu l-proċessi.

Ir-rapport tal-Kummissjoni hu mistenni li jkun lest sa Ġunju 2006.

## BDIL FUQ IT-TAXXA TAL-QLIGĦ FUQ IL-PROPJETÀ

Fil-laqgħat li kellna bħala parti mill-preparamenti għal dan il-Baġit, kemm ma' l-Imsieħba Soċjali kif ukoll mal-pubbliku in ġenerali, is-sistema tat-taxxa tal-qligħ fuq il-proprjetà kienet kemm-il darba indikata bħala waħda minn dawk l-istrutturi fiskali li jeħtieġ jkun hemm riforma fiha. Matul id-diskussjonijiet ġie enfasizzat kemm-il darba li bid-diversi emendi li kienu saru, nħolqu numru ta' anomaliji li jeħtieġ jiġu ndirizzati mingħajr aktar dewmien.

Aħna konxji kemm is-suq tal-proprjetà huwa suq sensittiv. Ir-ritmu u l-andament tiegħu għandu effett dirett fuq l-attività ekonomika tal-pajjiż. Fih innifsu huwa sinjal ta' ekonomija li qiegħda tiffunzjona, għalkemm wieħed irid joqgħod attent ukoll ghal impatti oħra li jista' jkollu speċjalment fid-dimensjoni soċjali. Irridu għalhekk li nistimulaw dan is-settur ekonomiku tagħna u fl-istess ħin naraw li l-affarjiet isiru sew.

It-tibdil li ser nintroduċu jindirizza kemm lil dawk li jkunu ser ibiegħu proprjetà li tkun intirtet, kif ukoll lil dawk li jkunu ser ibiegħu proprjetà li jkunu akkwistaw b'xiri jew b'mod ieħor.

Dwar l-ewwel kategorija, hemm ukoll żewġ xenarji. L-ewwel wieħed huwa dak fejn l-individwu jkun wiret proprjetà qabel il-1992. F'dawn il-każijiet, il-werriet li jbiegħ il-proprjetà li jkun wiret, iħallas taxxa ta' darba (*Final Withholding Tax*) ta' 7% fuq ir-rikavat kollu – jiġifieri l-valur dikjarat fuq il-kuntratt. Din ser tibqa' kif inhi llum.

It-tieni xenarju jolqot lil dawk li wirtu proprjetà wara l-1992. F'dan il-każ, sallum, il-werrieta jħallsu massimu ta' 35% taxxa ta' dħul fuq il-profitt kollu li jkun sar – jiġifieri fuq id-differenza bejn il-valur dikjarat fid-denunzja u l-prezz dikjarat fuq il-kuntratt.

Din ir-rata issa ser innižżluha minn 35% għal 12%. Hekk ser inkunu qegħdin innaqqsu sew it-taxxa li titħallas minn werrieta ta' proprjetà meta jiġu biex ibiegħu.

Dwar it-tieni kategorija, sal-lum għexna bis-sistema tal-*Capital Gains Tax* li tintaxxa l-qligħ fuq il-proprjetà bir-rati stabbiliti fil-liġi dwar it-taxxa tad-dħul. Nafu li dan il-fatt waħdu jwassal biex xi wħud jitqarrsu meta jiġu biex iħallsu t-taxxa fuq il-qligħ u f'ċertu każi jaslu wkoll biex jiddikjaraw qligħ anqas minn dak reali, biex b'hekk jiffrankaw it-taxxa dovuta.

Fis-snin li għaddew saru diversi tentattivi biex din il-problema tiġi ndirizzata, iżda nemmnu li dawn ma wasslux għar-riżultati mixtieqa. Jidhrilna, għalhekk, li wasal iż-żmien biex nagħmlu bidla radikali fil-mod ta' kif titħallas it-taxxa fuq il-bejgħ tal-proprjetà f'pajjiżna.

Għal dan il-għan, b'seħħ minn għada ser tiddaħħal sistema ta' *Final Withholding Tax* ta' 12% fuq il-valur tal-bejgħ tal-proprjetà. B'dan il-mod ser tispiċċa s-sistema preżenti li biha l-qliegħ fuq it-trasferiment tal-proprjetà tiġi ntaxxata sa massimu ta' 35%.

B'din is-sistema ġdida l-proprjetà trasferita tkun suġġetta għal taxxa finali ta' 12% fuq il-valur tal-bejgħ tal-proprjetà mingħajr ma jitnaqqsu l-benefiċċji bħal spejjeż u affarijiet oħra li kienu applikabbli taħt is-sistema tal-*Capital Gains*. Din it-taxxa titħallas fuq il-kuntratt tal-bejgħ.

Tajjeb ngħid li ser tibqa' s-sistema preżenti li bejgħ ta' proprjetà residenzjali tkun eżenti minn din it-taxxa. Ser jibqgħu wkoll l-eżenzjonijiet li jeżistu llum fosthom bejgħ ta' proprjetà kawżata minn separazzjoni u bejgħ b'subbasta tal-qorti, kif jirriżulta mill-abbozz ta' liġi li qiegħed ikun pubblikat illum stess.

Fl-abbozz tal-liġi li qed jiġi ppreżentat, qed jidħlu l-emendi meħtieġa biex iġibu fis-seħħ dawn it-tibdiliet minn għada l-1 ta' Novembru. Madankollu ser japplika perjodu ta' transizzjoni għal dawk il-konvenji li huma insinwati jew qegħdin għand in-nutara u jiġu

nsinwati sa l-20 ta' Novembru. Dawn ser ikollhom l-għażla li jħallsu t-taxxa bis-sistema tal-*Capital Gains* dment li l-kuntratt ikun ippubblikat sa l-aħħar tas-sena.

Fil-każ ta' propjetajiet trasferiti minn kumpanija fl-istess Grupp, ser jibqgħu japplikaw l-istess provvedimenti li daħlu fis-seħħ f'Jannar li għadda.

**SEHEM IL-GVERN FL-EKONOMIJA**

Konformi mal-filosofija tagħna dwar sehem il-Gvern fl-ekonomija, ser inkomplu bil-proċess ta' privatizzazzjoni. Irridu nagħtu spazju akbar għat-tmexxija u l-parteċipazzjoni tas-settur privat fil-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda għat-tkabbir ta' l-ekonomija tagħna. Irrid nerġa' nafferma li dan il-Gvern ma jħarisx lejn il-privatizzazzjoni bħala miżura biex intaffu d-dejn nazzjonali. Bil-privatizzazzjoni, pajjiżna jibbenefika minn diversi aspetti.

F'dawk li huma ażjendi strateġiċi, irridu nidentifikaw l-aħjar imsieħba mis-settur privat li jistgħu jiżviluppaw aħjar dawn l-ażjendi, li joffru prospetti ta' attività kummerċjali ġdida u li jkollhom aċċess għat-teknoloġiji li jkunu qed jiżviluppaw, kif ukoll swieq ġodda. Nieħu l-opportunità biex infakkar illi l-interessi strateġiċi ta' pajjiżna jibqgħu jiġu salvagwardati b'*Public Service Obligation Contracts* daqs kemm b'*shareholding* tal-Gvern.

Madankollu, m'għandniex għaġġla biex inbiegħu. Inbiegħu meta s-suq jirrendilna l-iżjed, u meta l-għanijiet li għalihom ikun inbeda l-proċess jintlaħqu.

Dan il-kejl huwa fundamentali, partikolarment fil-każ tal-privatizzazzjoni tal-Maltacom u l-Bank of Valletta. Fil-każ tal-Maltacom, irridu nassiguraw li l-imsieħeb strateġiku mis-settur privat ikun tali li jassigura lil din l-azjenda aċċess għall-aħħar teknoloġija, riċerka u żvilupp, prodotti u servizzi innovattivi, u potenzjalment aċċess għal swieq ġodda. Fil-każ tal-Bank of Valletta, il-parteċipazzjoni ta' bank li jista' jagħti dimensjoni reġjonali għandu jitqies bħala essenzjali għall-vijabilità u l-prospetti ta' tkabbir ta' dan l-istess bank u l-valur tal-ishma ta' l-investituri privati li qed jipparteċipaw fih.

Fl-1 ta' Jannar tas-sena 2006, ix-xiri u d-distribuzzjoni tal-prodotti tal-enerġija, li jinkludi l-petrol, id-diesel, u l-gass, ser jiġu liberalizzati.

Din hija opportunità oħra biex il-privat jerġa' jidħol f'suq li fis-snin 70 kien ġie nazzjonalizzat. Il-liberalizzazzjoni tista' ġġib magħha firxa ta' prodotti ġodda, opportunitajiet ġodda ta' xogħol u investiment, kif ukoll kompetizzjoni fil-prezzijiet. Bħala parti minn dan il-proċess, matul l-2006 il-Gvern ser jimplimenta l-kummerċjalizzazzjoni tat-Taqsima tal-Petrol ta' l-Enemalta.

Il-Gvern għandu l-intenzjoni li jimxi bl-istess mod fir-rigward tal-produzzjoni u distribuzzjoni tal-*Liquid Petroleum Gas*, qasam li ser jkun ukoll liberalizzat.

Il-Gvern ser ikompli jagħmel ħiltu biex isib imsieħba strateġiċi fit- Tug Malta u l-Kordin Grain Terminal. Fil-każ tal-Maltapost plc, il-Kabinett iddeċieda illi l-linja strateġika trid tkun waħda ta' diversifikazzjoni ta' servizzi ġodda biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas dejjem jikber ta' l-ittri tradizzjonali. Sabiex dan iseħħ, il-Gvern hu tal-fehma illi – anki bil-qbil tas-sieħeb minoritarju – għandu jinstab sieħeb ieħor biex jidħol fil-kumpanija.

Fl-2006 il-Gvern ser jikkonsidra wkoll il-privatizzazzjoni tal-*yacht marinas* tiegħu peress li jqis li t-tmexxija tagħhom mhux konformi mar-rwol ta' regolatur li l-Awtorità Marittima ta' Malta għandha taqdi. Dan il-pass, filwaqt li joffri opportunità ġdida ta' investiment, ser jippromwovi l-iżvilupp ta' Malta bħala ċentru internazzjonali tal-*yachting*. Biex isaħħaħ dan il-kunċett, matul is-sena li ġejja, il-Gvern ser jgħaddi ukoll mill-Parlament, liġi li twaqqaf reġistru għall-*yachts* kummerċjali.

Flimkien mal-proċess ta' privatizzazzjoni l-Gvern bi ħsiebu jkompli jirristruttura l-entitajiet pubbliċi tiegħu fuq żewġ binarji.

L-ewwel: Fejn il-Gvern jaħseb li entità pubblika għandha rwol strateġiku, il-Gvern iżomm din l-entità bil-kundizzjoni li l-entità tiġi strutturata b'mod li tirrifletti dak li huwa *core business* għall-Gvern. Dak li m'huwiex *core business* jew jiġi privatizzat jew jiġi mgħoddi lill-privat, bl-aktar mod trasparenti. Hekk bdejna nagħmlu fl-Air Malta

bil-bejgħ ta' l-attivitajiet li mhumiex *core* għall-attività tagħha bħall-lukandi u l-Air Supplies.

Fl-2006, il-MITTS, l-aġenzija tal-Gvern għall-informatika, mhix ser tibqa' tipprovdi servizz ta' manteniment fuq *personal computers*, u dan ix-xogħol ser jinfetaħ għas-settur privat. Barra minn dan il-MITTS ser tiffoka biss fuq xogħol ta' żvilupp fuq applikazzjonijiet ta' l-informatika li huma meqjusa bħala strateġiċi u sensittivi għall-Gvern. Aktar sinifikanti hu l-fatt li l-Gvern flimkien mal-partijiet konċernati, nkluż is-settur privat, irid jesplora l-potenzjal ta' kif din il-kumpanija tista' ssir riżors nazzjonali. Dan jista' jiġi mwettaq billi applikazzjonijiet diġà żviluppati jiġu sfruttati fuq livell internazzjonali u li l-infrastruttura li għandha l-MITTS tkun sfruttata aħjar bil-parteċipazzjoni tas-settur privat.

It-tieni: Il-Gvern mhux lest li jkompli jgħaddi sussidji għal dejjem lill-entitajiet pubbliċi li minkejja nvestiment kbir ma jistgħux jaslu biex jibdew jikkontribwixxu b'mod pożittiv lill-ekonomija.

*Mr. Speaker*, hemm bżonn li nkunu ċari. Aħna ma naqblux ma' dawk li jriduna nibqgħu nissussidjaw entitajiet li huma piż kbir fuq il-pajjiż u s-soċjetà tagħna. Urejna diġà li aħna determinati biex kull fejn hemm bżonn issir ir-ristrutturazzjoni meħtieġa. L-interess nazzjonali jibqa' dejjem il-prinċipju fundamentali li jiggwidana fid-deċiżjonijiet li nieħdu u huwa proprju għalhekk li m'aħniex lesti li naħlu t-taxxi li l-poplu tagħna jħallas fuq l-ineffiċjenzi ta' ażjendi għaliex ikun hemm min jibża' mill-bidla.

Għandna eżempju ċar. Ir-riżultati finanzjarji tat-Tarzna għal din is-sena huma, għal darb'oħra nkoraġġanti. B'sodisfazzjon ngħid li ser inkunu lħaqna l-miri finanzjarji li fassalna għal din l-ażjenda. Fl-2006 il-poplu Malti ser jiffranka Lm10 miljun f'sussidji. Li kieku ma rristrutturajniex kien ikollu jgħaddi dawn il-flus lil din l-ażjenda bħala sussidji. B'hekk mir-ristrutturar 'l hawn, ser ikunu ġew iffrankati Lm26 miljun. Dawn huma Lm26 miljun iffrankati mit-taxxi li ħallas il-poplu Malti.

Din hi kisba li tagħti raġun lill-politika tal-Gvern li jien immexxi. Hi kisba li twieġeb ukoll lil dawk li jibqgħu jgħidu li s-settur pubbliku għandu jiġi ristrutturat u ma jibqax piż fuq l-ekonomija tagħna. Hekk qed nagħmlu u qed ikollna riżultati pożittivi anke meta kellna niffaċċjaw lil min kien xettiku jew lil min jibża' mill-bidla, jew saħansitra lil min għandu aġenda politika li ma tpoġġix l-interessi tal-pajjiż qabel l-interessi l-oħra.

Għadna ma wasalniex, iżda mixjin fit-triq it-tajba. U mixjin bl-aktar mod għaqli għal pajjiżna – li nittrasformaw lit-Tarzna f'entità mibnija fuq l-effiċjenza, is-serjetà, il-kwalità, bi prattiċi moderni u effettivi biex tkun kompetittiva u tibda tagħti lura ftit minn dak li l-poplu Malti investa fiha għal ħafna snin. Irrid li tasal dik il-ġurnata meta t-Tarzna tkun tista' tfendi għal rasha. Dak in-nhar żgur, li l-akbar sodisfazzjon ikun tal-ħaddiema stess.

Flimkien ma' dawn il-miżuri, il-Gvern ser ikompli jfittex sħubija bejn is-settur pubbliku u dak privat bil-ħsieb li jimmassimizza d-dħul minn assi pubbliċi, iġib finanzjament privat, u jakkwista għajnuna fl-isforzi biex idaħħal aktar effiċjenza. *Public–private partnerships* huma wkoll mezz biex tinbena relazzjoni ta' fiduċja bejn is-settur pubbliku u dak privat. Dan jista' biss isaħħaħ l-ekonomija ta' Malta.

B'mod partikolari ser joħorġu sejħiet għall-involviment tas-settur privat f'*public–private partnerships* għar-riabilitazzjoni tal-Forti ta' Delimara u l-bini ta' *Crafts Village* ġdid f'Ta' Qali.

L-ippjanar ta' proġetti ġodda li jistgħu ikunu ko-finanzjati mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea għall-Baġit 2007-2013 joffrulna opportunità unika għall-parteċipazzjoni mis-settur privat. Jinħtieg li ammont sostanzjali minn dawn il-fondi jiġu dedikati għal proġetti li joffru mpjiegi ġodda u sostenibbli f'oqsma relatati mat-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna. Kif għedna fid-Dokument ta' Qabel il-Baġit, il-Gvern irid li min joħroġ b'ideat validi u nnovattivi għal *public-private partnerships,* tinħoloq is-sistema biex dawn ikunu jistgħu jsiru. Dan ser jitwettaq tul is-sena d-dieħla.

Fl-2006 il-Gvern ser joħroġ *development briefs* għas-siti ta' l-ex-Computer Centre fis-Swatar, Ħad-Dingli, u l-art tal-madwar, u s-sit magħruf bħala l-31 ta' Marzu, f'Birżebbuġa. Il-proċess għar-riġenenerazzjoni tas-sit li fuqu hemm il-Holiday Inn f'Tigné, ser joħroġ għall-bidu tal-2006.

## IS-SETTUR PUBBLIKU PARTEĊIPI FIT-TKABBIR EKONOMIKU

Nemmnu li d-dipartimenti u l-entitajiet pubbliċi mhux biss għandhom jinżammu kontabbli lejn il-Gvern tal-ġurnata u l-pubbliku in ġenerali, imma għandhom isiru dejjem aktar parteċipi fit-tkabbir ekonomiku tal-pajjiż.

Għal dan il-għan il-Gvern waqqaf Taqsima għal Regolamentazzjoni Aħjar (il-*Better Regulation Unit)* fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Din it-taqsima għandha l-mandat li kien propost fid-Dokument ta' Qabel il-Baġit, li dwaru kien hemm qbil ukoll mill-Imsieħba Soċjali. Sa Ġunju li ġej, din it-Taqsima trid tissottometti lill-Kabinett rakkomandazzjonijiet dwar dawk ir-regolamenti li jistgħu jiġu konsolidati jew mibdula biex jeħfief il-piż amministrattiv fuq l-intrapriżi privati, filwaqt li jibqa' jiġi mħares l-interess pubbliku. Għal dan il-għan, kull Dipartiment tal-Gvern u kull entità pubblika trid tlesti sa l-aħħar ta' Marzu eżerċizzju ta' evalwazzjoni ta' kull regolament u kull tariffa li għadhom effett fuq in-negozju, fuq l-industrija u fuq il-pubbliku bil-għan li jiżviluppaw 'qafas ta' regolamenti effettiv ta' sustanza). Din l-inizzjattiva tiżdied mal-proċess ta' eżami ta' l-impatt li daħħalna din is-sena fuq kull Avviż Legali qabel ma' dan ikun ippublikat.

Settur pubbliku effiċjenti jirrikjedi livell għoli ta' kontabilità. Meta nitkellmu dwar kontabilità, dan ma jirriferix biss għall-kontabilità fuq l-użu ta' riżorsi, iżda fuq kemm il-miri ta' dik l-entità qed jintlaħqu. Din il-kontabilità trid tkun reali, u għandu jkun hemm konsegwenzi għal min ma jilħaqx il-miri tiegħu. Għal dan il-għan, il-Gvern ser jibda jdaħħal qafas ta' kontabilità fuq bażi ta' prova li permezz tiegħu xi entitajiet ser jintrabtu ma' miri stabbiliti. Matul l-2006 dan il-qafas ser jiddaħħal fil-Malta Information Technology and Training Services Ltd (MITTS).

Fl-istess waqt il-Gvern ser ikompli bix-xogħol preparatorju għad-dħul ta' sistema ta' *accrual accounting* fis-Servizz Pubbliku. Sistema bħal din

mhux biss tagħti stampa ċara u reali ta' l-ispejjeż li kull dipartiment ikollu fl-operat tiegħu iżda għandha tkun strument importanti għall-ippjanar aħjar. Fl-2006 il-Gvern ser joħroġ sejħa għall-offerti biex sistema ġdida ta' tmexxija finanzjarja tieħu post id-*Departmental Accounting System* eżistenti.

Żgur li pass importanti 'l quddiem kien il-ftehim kollettiv ġdid għal ħaddiema tas-Servizz Pubbliku li ġie ffirmat ftit tal-ġranet ilu. Wara diskussjonijiet twal mal-*Unions* li jirrappreżentaw lill-ħaddiema taċ-Ċivil, intlaħaq ftehim fuq bażi ta' sitt snin, b'effett mill-1 ta' Jannar ta' din is-sena, li żgur jista' jitqies bħala akkwist ta' importanza sostanzjali għal pajjiżna. Hawnhekk irrid nirringrazzja lill-*Unions* involuti għas-sehem pożittiv u strumentali li kellhom biex wasalna għall-ftehim. Għalkemm is-sena li għaddiet it-taħdidiet fl-MCESD fuq il-patt soċjali ma rnexxewx, il-ftehim kollettiv għaċ-Ċivil bena fuq dawk it-taħdidiet u wera li fuq livell settorali aħna kapaċi naslu għal ftehim li jirrispetta r-realtajiet preżenti li għaddej minnhom pajjiżna filwaqt li jirrikonoxxi l-kontribut li l-ħaddiema fis-settur pubbliku jagħtu lil pajjiżna.

Mira oħra ewlenija hi li naraw lis-settur pubbliku jiċkien fid-daqs tiegħu. Għalhekk, beħsiebna inkomplu bil-prattika li kull fejn hu possibbli u għaqli l-postijiet li jiġu vakanti mas-settur pubbliku ma jimtlewx b'impjegati ġodda. Madankollu nagħrfu li dan waħdu mhux biżżejjed biex jindirizza l-problema ta' l-impjegati żejda. Fejn din il-problema ġejja minn prattiċi tax-xogħol antikwati, jew tmexxija ineffettiva, dawn iridu jiġu ndirizzati direttament biex organizzazzjoni tilħaq il-potenzjal tagħha u tibda topera bl-aktar mod effiċjenti u effettiv possibbli.

Għalhekk fl-2006 ser jinbdew żewġ eżerċizzji ta' skrutinju fejn il-prattiċi tax-xogħol jiġu miflija bir-reqqa u mfassla mill-ġdid filwaqt li r-riżorsi jitqassmu skond il-ħtieġa. Iż-żewġ entitajiet fejn ser isiru dawn l-istudji huma l-Korporazzjoni Enemalta u l-Isptar San Luqa.

Jeħtieġ li l-Enemalta tkun aktar effiċjenti mhux biss fis-sistemi li hi topera biex tiġġenera l-elettriku, imma wkoll fil-livelli ta' riżorsi umani u l-prattiċi tax-xogħol li sal-llum jeżistu. Il-poplu Malti ma jistax ikun mistenni li jissussidja l-ineffiċjenzi fejn dawn jeżistu, u nitlob il-koperazzjoni tal-*Unions* u l-ħaddiema konċernati biex dan il-proċess iwassal għall-għanijiet mixtieqa.

Il-faċilitajiet u s-servizzi ta' l-iSptar San Luqa għandhom jiġu trasferiti għall-Mater Dei matul l-2007. It-trasferiment għandu jsarraf mhux biss f'ambjent fiżiku aħjar – għalkemm dan huwa importanti għall-pazjenti u għall-ħaddiema – iżda wkoll f'servizzi aħjar. Titjib fis-servizzi tas-saħħa jitlob bidla fil-proċessi tax-xogħol u tal-mentalità fost l-impjegati. Hemm bżonn li din il-bidla sseħħ biex nieħdu l-frott ta' l-investiment kbir li għamilna fl-isptar il-ġdid.

M'hemmx dubju li l-informatika ġabet rivoluzzjoni fl-operat tal-Gvern u fl-għoti tas-servizzi lill-pubbliku. Bi ħsiebna nkomplu ninvestu fl-informatika u fl-2006 ser nipprovdu Lm9 miljun għal dan il-għan. Iżda importanti nagħrfu li l-informatika mhix biss ħaġa tajba fiha nnifisha; hija, ukoll, għodda għall-bidla fil-mentalità, fl-operat u fil-kwalità tas-servizz.

Fost l-inizjattivi li ser jitwettqu, ser nimplimentaw verżjoni ġdida tal-portal www.gov.mt li ser jippermetti lil kull min jużah biex jadattah skond il-bżonnijiet partikolari tiegħu. Fl-2006 ser jiġu offruti 20 servizz elettroniku ġdid. Barra dan ser isir titjib fl-infrastruttura tal-Gvern ta' l-ICT billi ser jibdew joperaw żewġ *data centres* b'komunikazzjoni bejniethom. Dawn ser jippermettu l-konsolidazzjoni ta' l-infrastruttura tal-Gvern fuq perjodu ta' 7 snin, biex b'hekk niffrankaw l-ispejjeż, kif ukoll jipprovdu sigurtà ferm aħjar.

Is-Segretarju Permanenti f'kull Ministeru ser jinżamm responsabbli biex jara li l-investiment fl-informatika jirrendi l-frott kollu mistenni. Per eżempju rridu ngħarfu li ma nistghux nibqgħu nagħtu l-istess importanza lill-meżżi tradizzjonali ta' l-għoti tas-servizzi meta d-domanda għas-servizzi elettroniċi qegħda dejjem tiżdied. Importanti

wkoll li l-ispiża fuq l-informatika ssir b'mod kemm jista' jkun effiċjenti, u l-MITTS Ltd qed tinżamm responsabbli biex tara li l-Gvern jakkwista l-aktar teknoloġija adattata għalih bi spiża raġonevoli.

Fl-2006 il-Gvern ser ifittex li jibda u jikkonkludi diskussjonijiet formali ma' l-imsieħba fuq l-abbozz ta' liġi dwar is-Servizz Pubbliku bil-għan li l-liġi tgħaddi mill-Parlament.

***Inkomplu nistimolaw it-Tkabbir Ekonomiku***

Għall-2006, il-Gvern ser jalloka lill-Malta Enterprise is-somma ta' Lm2.3 miljun, li tfisser Lm450,000 aktar fuq in-nefqa ta' din is-sena. Dan l-investiment hu meħtieġ biex insostnu l-bini ta' fabbriki ġodda, u nċentivi għall-industrija, fost l-oħrajn *soft loans* u *training grants*. Barra minn hekk, ġiet allokata s-somma ta' Lm825,000 biex inkomplu nsaħħu ż-żoni industrijali, b'ko-finanzjament mill-Unjoni Ewropea.

Fl-2005, il-Gvern ippubblika avviżi legali taħt il-Business Promotion Act biex numru ta' inċentivi mħabbra fil-Bagit ġew implimentati. Għall-2006, il-Gvern ser jivvota:

- Lm4 miljun f'*tax credits* għal dawk li jinvestu fir-riċerka u jiżviluppaw teknoloġiji ġodda f'Malta;
- Lm500,000 *f'tax credits* għal kumpaniji li jwaqqfu servizzi ta' *back office operations* f'Malta;
- Lm500,000 f'*tax credits* għal kumpaniji li jwaqqfu servizzi ta' *e-business* f'Malta

Qed ninvestu fit-tisħiħ tal-ħiliet speċjalizzati meħtieġa fis-setturi tax-xjenza u t-teknoloġija; ser nagħtu *full tax credit* għal dawk il-kumpaniji li jħallsu għall-istudji ta' l-impjegati tagħhom, f'oqsma relevanti. Dawk l-individwi li jagħżlu li jkomplu jsegwu studji avvanzati li jwasslu għal dottorat f'suġġetti marbuta max-xjenza, ser jibbenefikaw minn *tax credits* fuq il-ħlasijiet li jkunu saru għal dawn l-istudji. Dan barra l-i*scholarship fund* li fuqu ser nitkellem aktar tard.

Kif enfasizzajna fl-aħħar Baġit, il-Gvern jemmen li l-industrija tal-produzzjoni tal-films tagħti kontribut ferm wiesa lill-ekonomija. Għal dan il-għan, din is-sena l-Gvern qed jalloka is-somma ta' Lm1.5 miljun biex jattira il-produzzjoni tal-films f'pajjiżna; kull film jista' jibbenefika sa massimu ta' 20% fuq l-ispejjeż li jkunu saru direttament f'Malta. Sadanittant, il-Gvern diġà fassal qafas ta' *tax credits* għal dawk li jinvestu fil-faċilitajiet u s-servizzi tal-produzzjoni tal-films f'Malta.

Fl-iżvilupp tal-Oqsma Ndustrijali irridu naħdmu b'mod aktar strateġiku. Il-Gvern qed jeżamina l-possibbiltà li jinstab finanzjament permezz ta' ftehim fit-tul ma' istituzzjonijiet finanzjarji u kif nistgħu nużaw il-fabbriki li għandna biex jigu kkrejati fondi ta' investiment waqt li niżviluppaw aktar il-kuncett ta' *parks* specjalizati.

Fl-2006 ser jinbeda xogħol ta' stħarriġ dwar il-possibbiltà li jinħolqu *business parks* għal oqsma partikolari bħax-xjenza u t-teknoloġija, il-farmaċewtika u r-riċerka fil-laboratorju, u s-servizzi finanzjarji u tal-*back office*. L-istħarriġ ikopri wkoll il-potenzjal li dawn il-parks isiru permezz ta' *public–private partnerships* ma l-imsieħba strateġiċi.

Il-kompettività tal-industrija tagħna tiddependi ukoll mill-effiċjenza u l-ispiża tat-trasport. Miżura oħra sabiex ngħinu l-kompettività ta' l-industrija, kif ukoll intaffu ħsarat li jiġu kkawżati mit-trasport, hija li nnaqsu t-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq vetturi kummerċjali ġodda, ta' ħames tunnellati aktar, minn 36% tal-valur tagħhom għall-24%. Dan għandu jgħin lil diversi intrapriżi sabiex jimmodernizzaw il-flotta tagħhom. L-introduzzjoni ta' vetturi ġodda b'makni li ma jħammġux u attrezzati b'tagħmir modern, għandu jgħin lil ħafna kumpaniji jilħqu aħjar l-obbligi tagħhom dwar ġar nadif u b'livelli għolja ta' sigurta. Din il-miżura għandha tnaqqas l-ispejjeż tal-manutenzjoni u tiswija ta' l-istess vetturi.

*Appoġġ lill-Intrapriżi Żgħar u Medji*

Il-politika ta' dan l-Gvern dwar in-negozji ż-żgħar kienet, għadha, u tibqa' waħda ta' prijorità għaliex dawn huma parti vitali mis-sinsla ta' l-ekonomija Maltija.

Kif għedt aktar kmieni, l-Kummissjoni għar-Reviżjoni tat-Taxxa se jkollha l-obbligu bħala parti mill-mandat tagħha li tirrakkomanda kif jistgħu isiru riformi fis-sistema tat-taxxa biex jingħata inċentiv lil-intrapriżi ż-żgħar.

Fl-2006 il-Gvern ser ikompli jaħdem biex joħloq ambjent ta' appoġġ sħiħ għal intrapriżi żgħar meta dawn ikunu għadhom kemm twaqqfu u bdew joperaw. Dawn l-isforzi ser ikopru oqsma bħal ħolqien ta' kultura aktar imprenditorjali, aktar faċilità għal self ta' flus, u profil fis-suq. Flimkien ma' dan ser jitwaqqaf uffiċċju li jassisti lil intrapriżi ż-żgħar biex isibu msieħba barranin kif ukoll opportunitajiet għat-tkabbir u sorsi ta' appoġġ barra minn Malta.

In vista tal-pjan tal-Gvern li jinħolqu 7 żoni għal intrapriżi ż-żgħar fuq-ispazju ta' 80 tomna art li ġew identifikati mill-MEPA, il-Gvern qed jalloka s-somma ta' Lm100,000 biex jibda x-xogħol infrastrutturali marbut mat-twassil tas-servizzi essenzjali bħad-drenaġġ, l-ilma u d-

dawl lil dawn is-siti. B'hekk ikun jista' jibda l-iżvilupp mis-settur privat skond il-qafas u l-kundizzjonijiet ġa stabbiliti.

Biex insaħħu l-kompetittività tal-industriji ż-żgħar – nixtieq nispeċifika li qed nirreferi għall-*micro enterprises* – għall-2006 qed tiġi vvotata s-somma ta' Lm260,000 b'ko-finanzjament mill-Fondi Strutturali tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-fondi ser ikunu ffukati fuq programmi li jassistu fir-ristrutturar ta' dawn l-azjendi u t-taħriġ ta' dawn l-imprendituri u l-ħaddiema tagħhom.

***Insaħħu l-Industrija tat-Turiżmu***

It-turiżmu huwa pilastru ewlieni ta' l-ekonomija Maltija u hija prijorità tagħna li niżguraw li dan is-settur jibqa' b'saħħtu. Madankollu għandna nagħrfu li s-settur qed jinbidel. Biex insemmi ftit eżempji, l-internet wassal biex ħafna nies jippjanaw u jibbukkjaw il-vjaġġ tagħhom huma stess mingħajr ma jirrikorru għand aġenti. Il-linji ta' l-ajru li joffru rati rħas għenu biex saru aċċessibbli destinazzjonijiet li qabel lanqas kienu jissemmew. Il-*weekend breaks* qegħdin isiru dejjem aktar popolari. Jeħtieġ li nisfruttaw iżjed dawn il-bidliet.

Matul din is-sena rristrutturajna l-Awtorità Maltija dwar it-Turiżmu biex tkun tista' tippjana għall-futur u tilqa' l-isfidi b'mod aktar effettiv. Ridna wkoll li l-Awtorità tiffoka r-riżorsi fuq ix-xogħol ewlieni tagħha li tippromwovi lil Malta. Ir-riżultat ta' dan ir-ristrutturar ifisser li, filwaqt li l-vot ta' din l-Awtorità ser jibqa' ta' Lm8 miljun, Lm600,000 li qabel kienu qed jintefqu fuq spejjeż amministrattivi, issa ser jintużaw għall-promozzjoni ta' pajjiżna. B'hekk l-investiment fil-promozzjoni ta' Malta u Għawdex ser jitla' għal Lm6.2 miljun.

Il-Gvern qed jalloka wkoll Lm500,000 biex isir eżerċizzju komprensiv ta' *branding*; b'hekk jiġi stabbilit messaġġ ċar u konsistenti dwar id-dehra u l-perċezzjoni li rridu nipproġettaw dwar Malta lit-turist prospettiv. Iżda l-*branding* waħdu mhux biżżejjed. Fl-aħħar mill-aħħar

huwa l-prodott li jrid jinbiegħ u l-prodott Malti għandu bżonn jitjieb sostanzjalment. It-tisħiħ tal-prodott turistiku tagħna għandu jinkludi bħala wieħed mill-elementi importanti l-bini ta' korsa tal-golf. L-għażla tas-sit li l-Gvern ippropona lill-MEPA qajmet reazzjoni negattiva minn x'uħud. Din ir-reazzjoni nifmuha. Kwalunkwe sit li jintgħażel ser joħloq kontroversja. Wieħed irid isib bilanċ bejn l-ambjent u l-għixien tagħna. Mhu faċli xejn li ssib il-bilanċ, iżda nafu li prodott turistiku b'ħames stilel jitlob il-korsi tal-golf. Din hi r-realtà.

Ejjew niddeċiedu x'irridu bħala pajjiż. Irridu biss turiżmu tal-massa li jirrendi ftit, fil-waqt li jitfa' pressjoni kbira fuq l-infrastruttura tagħna, jew verament irridu prodott ta' valur għoli li jattira wkoll turisti ta' kwalità? Jekk irridu turiżmu ta' kwalita', m'għandniex alternattiva ħlief li nipprovdu l-faċilitajiet li t-turisti ta' dan it-tip ifittxu.

Il-Gvern immexxi minni ma jiddejjaqx jerfa' r-risponsabbiltà tiegħu u jieħu deċiżjonijiet fl-aħjar interess nazzjonali, anki jekk ikunu deċiżjonijiet li ma jogħġbux lil kulħadd. Aħna konvinti li l-korsa tal-*golf* hemm bżonnha u m'għandna l-ebda dubju li biż-żmien anki dawk li ma jaqblux magħna għad jagħrfu l-valur ta' din id-deċiżjoni.

Naturalment, dan ma jfissirx li d-deċizjoni tittieħed akkost ta' kollox. Aħna ddeċidejna li jkollna żewġ *golf courses* oħra – waħda f'Malta u l-oħra f'Għawdex. Hu ovvju li fiż-żewġ każijiet dawn iridu jkunu vijabbli. Imma m'aħniex lesti li naċċettaw li l-vijabilità tittrasforma l-kunċett ta' korsa tal-golf għal wieħed li jkun jirrikjedi żvilupp eżaġerat ta' proprjetà biex jilħaq il-vijabilità tiegħu. Irridu wkoll li l-korsa tal-golf tkun esperjenza ambjentali li tirrispetta l-madwar u allura ttejjeb dak li għandna biex ikun jista' jitgawda mill-pubbliku kollu. Għalhekk qegħdin isiru l-istudji kollha li huma neċessarji biex finalment tittieħed id-deċiżjoni dwar is-sit jew siti fejn jistgħu jiġu żviluppati. Nirrepeti, aħna rridu l-aħjar għal pajjiżna u xejn ħlief dan.

Hemm bżonn intejbu wkoll il-bajjiet tagħna. L-ewwel eżempju ta' dan wettaqnih bix-xogħol li sar fil-bajja ta' San Ġorġ. Fl-2006 huwa l-għan tagħna li nirreplikaw dan l-eżempju f'bajjiet oħra, anke billi fl-iżvilupp ta' bajjiet ġodda nidħlu fi sħubija mas-settur privat.

Ser inkomplu wkoll ninvestu biex insaħħu l-wirt kulturali uniku li għandna. F'dawn l-aħħar snin investejna bil-qawwa biex naqdu dmirna aħjar lejn dan il-wirt. Waqqafna l-Heritage Malta, is-Sovraintendenza għall-Patrimonju Nazzjonali, u l-Uffiċċju tas-Supretendent tal-Fortifikazzjonijiet. Wettaqna proġetti importanti ta' restawr fid-Domus Romana, Bieb il-Bombi, l-Ipoġew, il-Kavallier ta' San Ġakbu, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, u l-Forti ta' Ricasoli biex insemmi x'uħud.

Fl-2006 il-Gvern ser ikompli l-impenn tiegħu fl-investiment fil-wirt storiku ta' pajjiżna. Il-vot tal-Heritage Malta ser jiżdied għal Lm2.3 miljun, li jinkludu fondi tal-Unjoni Ewropea.

L-istrateġija tagħna għar-riabilitazzjoni tal-wirt nazzjonali titlob li fejn nistgħu ninvolvu s-settur privat u l-għaqdiet voluntarji. Ir-restawr tal-Forti tar-Rinella u t-torrijiet ta' l-għassa ta' Baħar iċ-Ċagħaq u ta' Buġibba huma eżempju tajjeb ħafna tal-kontribut li jistgħu jagħmlu s-settur privat u dak voluntarju. Hija l-politika tagħna li ż-żewġ setturi jibqgħu jieħdu sehem attiv f'dan il-qasam.

Barra minnhekk hemm numru ta' proġetti ta' tisbiħ ta' *promenades* u siti oħra marbutin mat-turiżmu, li ser jitlestew matul l-2006, u numru ta' proġetti ġodda li se jibdew. Dawn il-proġetti qed isiru bil-ħaddiema tad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Ippermettili *Mr. Speaker*, biex minn hawnhekk infaħħar u nirringrazzja pubblikament lil dawn il-ħaddiema għax-xogħol tajjeb li qed jagħmlu. Fost ix-xogħlijiet li ser ikunu għaddejjin insibu l-*promenades* tal-Mellieħa u ta' Ta' Xbiex, Xatt is-Sajjieda f'Marsaxlokk, dak ta' Wied Babu, proġett li għandu jinkludi fih *walkway* sa Ħaġar Qim, il-Ġnien tax-Xagħra ta'

Bormla, u r-rikostruzzjoni tat-Torri fil-pjazza tal-Birgu. Fil-Belt Valletta ser isir xogħol ta' tisbiħ fi Triq Merkanti, fil-pjazza ta' San Ġwann, u fil-pjazza ta' San Ġorġ, kif ukoll jitlesta x-xogħol fil-gnien Hastings.

Biex nassiguraw ukoll li ż-żoni turistiċi jinżammu fl-livell ta' kwalità li jixraq, ġew identifikati 6 żoni turistiċi li kull waħda ser ikollha *ż-zone manager* tagħha. Għal dan il-għan, dan il-Bagit qed jivvota s-somma ta' Lm150,000 għall-immaniġġjar ta' dawn iż-żoni li jiżdiedu mal-infieq fuq il-manteniment u t-tindif ta' dawn il-postijiet.

Tajjeb però li nżid ngħid illi r-responsabbiltà biex insostnu t-turiżmu mhix tal-Gvern biss. Is-sidien tal-lukandi, r-ristoranti u ħwienet oħra, is-sidien tat-*taxis* u tal-karrozzini fost oħrajn, lkoll għandhom dmir li joffru servizz ta' valur u ta' kwalità, sew fl-interess tagħhom u sew fl-interess tal-pajjiż. Il-miljun kbar li qegħdin ninvestu f'dan is-settur jistgħu faċilment jisfumaw fix-xejn, jekk ma nifhmux ilkoll kemm aħna illi l-ospitalità tagħna flimkien mal-kwalità tas-servizzi li noffru, huma l-aħjar riklam u l-aqwa ingredjenti biex nirnexxu fis-suq kompetittiv tal-lum.

Fis-settur tal-*cruise liners*, il-Gvern irid li Għawdex jibbenefika direttament. Fl-2006 il-Gvern ser jiddiskuti ma' l-operaturi kif il-vapuri jkunu jistgħu jinġiebu Għawdex. Fil-każ li d-diskussjonijiet ma jwasslux għar-riżultat mixtieq, il-Gvern iqis x'għażliet oħra jkollu biex jilħaq l-għan tiegħu.

Proġett importanti b'rabta ma' l-iżvilupp ta' prodott turistiku aħjar f'pajjiżna huwa dak marbut mat-tempji ta' l-Imnajdra u Ħaġar Qim. Il-proġett jinkludi ċentru għal viżitaturi, protezzjoni għall-istess tempji, sistemi ta' sigurtà, u nterventi ta' konservazzjoni, b'investiment totali ta' Lm1.5 miljun, u li huma ko-finanzjati mill-Fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

Kif għedt aktar kmieni, il-linji ta' l-ajru li joffru rati rħas huma opportunità u sfida fl-istess ħin. Bla dubju jiżdied in-numru ta' turisti li jiġu Malta jekk nilqgħu dawn il-linji ta' l-ajru rħas b'idejna miftuħin. Mill-banda l-oħra ma nistgħux ninjoraw l-impatt li dan jista' jkollu fuq l-Air Malta u l-linji internazzjonali l-oħra li sostnew ir-rotot tagħna f'dawn l-aħħar snin. Dan ma jfissirx li l-Gvern għandu xi politika kontra l-linji ta' l-ajru li joffru rati rħas, u għaldaqstant ser inkomplu nesploraw ma' l-i*stakeholders* kollha kif dan jista' jsir fl-aħjar interess tas-setturi kollha.

Għal dak li huwa agro-turiżmu, matul din is-sena ser tinħadem strateġija dwar l-iżvilupp ta' dan is-settur permezz ta' *working group* bil-parteċipazzjoni tal-Ministeru tat-Turiżmu, il-Malta Enterprise, il-Ministeru għal Għawdex, il-Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, u l-MEPA. Dan ser isir b'konsultazzjoni mal-i*stakeholders*.

**Is-Settur tal-Impjiegi**

Il-Gvern jibqa' mpenjat biex tiżdied kemm jista' ir-rata ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol.

Il-Gvern diġa' qed jieħu miżuri biex jindirizza r-rata baxxa ta' parteċipazzjoni tan-nisa u ta' anzjani li ma jkunux attivi, l-impatt tar-ristrutturazzjoni ta' l-ekonomija u tal-kompetittività internazzjonali, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet meħtieġa fil-ħaddiema tagħna. Element ieħor li jinfluwenza l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol huwa l-fattur ta' xogħol bi qligħ mhux dikjarat.

Il-Gvern ser ikompli jisħaq fuq taħlita komplimentari ta' miżuri u servizzi proattivi u oħrajn ta' infurzar. Il-korporazzjoni għax-Xogħol u Taħrig (ETC) u l-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà ser ikomplu joffru servizzi u skemi, sew lil min qed ifittex ix-xogħol kif ukoll lil min iħaddem, li għandhom x'jaqsmu ma' taħriġ, *childcare*, esperjenza ta' xogħol, gwida għall-karrieri u servizzi bħal dawn.

Min-naħa l-oħra l-Gvern bi ħsiebu jintensifika l-infurzar tal-liġijiet permezz ta' kollaborazzjoni akbar bejn l-aġenziji diversi (ETC, Sigurtà Soċjali, id-Dipartimenti tat-Taxxi Interni, TCU u tal-VAT) biex jikkontrolla kemm jistà l-abbuż.

Qasam ieħor li kemm il-*Unions*, kemm min iħaddem, kif ukoll il-Gvern jaqblu li jeħtieġ li jiġi indirizzat u rregolat huwa x-xogħol temporanju magħruf bħala *temping*. Il-Gvern hu nfurmat li hemm każi fejn operaturi qegħdin jabbużaw minn dan is-settur biex jevitaw l-obbligi lejn l-impjegati tagħhom, u b'hekk ifixklu s-suq u jtellfu d-drittijiet ta' l-impjegati. Minħabba f'hekk il-Gvern ser jiddiskuti ma' l-imsieħba soċjali provvedimenti legali li, filwaqt li jinkoraġġixxu dan it-tip ta' xogħol, jassiguraw aħjar li d-drittijiet tal-ħaddiema jiġu rispettati.

Fl-2006 l-ETC ser isaħħaħ l-ħidma tagħha fost iż-żgħażagħ, in-nisa u l-persuni bi bżonnijiet speċjali. L-ETC ser tkompli wkoll timplimenta, b'ko-finanzjament mill-Fond Soċjali Ewropew għat- taħriġ fil-litteriżmu, servizzi lil min għandu aktar minn 40 sena, skemi ta' xogħol għal persuni b'diżabilità, u proġetti ta' *childcare* fuq il-postijiet tax-xogħol. Il-finanzjament ta' dawn il-proġetti jlaħħaq il-miljun lira.

Il-Gvern fl-2006 ser jipprovdi s-somma ta' Lm130,000 biex jassisti l-45 ċentru għat-tfal li diġà jeżistu iżda li jeħtieġu l-għajnuna biex jilħqu l-i*standards* mitluba mir-regolamenti ġodda li ser joħorġu s-sena d-dieħla. Dawn l-i*standards* ser jidħlu fis-seħħ fuq numru ta' snin.

Fir-rigward tat-taħriġ fl-2006 il-Gvern ser jirrevedi s-sistemi u l-proċeduri ta' l-Iskemi ta' l-Apprentistat biex jirrendihom aktar rilevanti u attraenti, sew għat-*trainees* kif ukoll għal min iħaddem, fid-dawl ta' l-iżviluppi li qed iseħħu sew fis-sistemi tat-taħriġ vokazzjonali u fl-ekonomija in ġenerali.

*It-Teknoloġija ta' l-Informatika u l-Komunikazzjoni (ICT)*

Matul l-2006 il-Gvern ser ikompli jimplimenta l-Istrateġija Nazzjonali dwar it-Teknoloġija ta' l-Informatika u l-Komunikazzjoni. L-għan tagħna jibqa' li Malta tkun minn ta' quddiem bħala pajjiż li juża l-informatika u li hu attrezzat għaliha; u li l-Maltin kollha jieħdu sehem attiv f'dan is-settur.

Għaldaqstant fl-2006 ser inkomplu nniedu iżjed Ċentri fil-Komunità għat-Tagħlim tat-Teknoloġija. Qed nimmiraw biex inżidu n-numru ta' speċjalisti fl-ICT b'500 fuq dak ta' l-2005. Ma' dan ser inniedu *Career Space Framework* li jistabbilixxi l-profil ta' ħiliet fl-ICT li l-entitajiet pubbliċi u privati għandhom jimmiraw għalihom. Fl-2006 ser inniedu wkoll is-sett ta' *eBusiness Road Maps* u *eLearning Consortium* bħala l-ewwel fażi ta' *eLearning Gateway* Nazzjonali.

*Ix-Xjenza u t-Teknoloġija*

Kif kont ħabbart fl-aħħar Bagit, il-Gvern beda r-riforma tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST). L-għan ta' din ir-riforma huwa biex jagħti lil dan il-Kunsill rwol iżjed iffukat u li jiżgura li r-riċerka ffinanzjata mill-Gvern tiġi investita f'innovazzjoni u żvilupp ta' prodotti, proċessi u ideat li jistgħu jikkonvertu ruħhom f'kummerċ ġdid. Bħala parti mill-programm ta' riforma, l-Kunsill ser jagħmel parti mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru; dan jenfasizza l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-iżvilupp tat-teknoloġija fil-politika tal-Gvern.

Il-Gvern qed jimmira li sa Marzu ta' l-2006 ikollu strateġija li tindika x'ser ikunu l-prioritajiet indirizzati mill-infiq pubbliku fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġija. Flimkien ma' dan, fl-2006 l-MCST ser ifassal Pjan ta' Azzjoni għat-Teknoloġija Ambjentali u jippreżentah lill-Gvern.

Iżjed tard il-Gvern ser ivara Programm Nazzjonali għar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni fix-Xjenza u l-Informatika għall-2006, li ser

ikollu orjentament differenti minn tas-snin ta' qabel għal tliet raġunijiet. L-ewwelnett, dan il-Programm Nazzjonali ser ikun iffukat fuq numru iżgħar ta' proġetti; b'hekk il-proġetti magħżula ser jirċievu iżjed fondi. It-tieni, dan il-fond ser iservi bħala l-fond għal ko-finanzjament ta' inizjattivi li jakkwistaw fondi mill-Unjoni Ewropea. It-tielet, ser titwaqqaf borża ta' studju li tingħata fuq bażi kompetittiva biex issostni u timmotiva studenti żgħażagħ Maltin. Din ta' l-aħħar hija maħsuba biex tħajjar aktar żgħażagħ jistudjaw ix-xjenza u t-teknoloġija.

Bil-ħsieb li tiżdied attività f'Malta fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija, il-Gvern, permezz tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknologija, qed ifittex li jissieħeb ma' istituti Ewropej rinomati fil-qasam tar-riċerka sabiex sa Ġunju li ġej issir proposta għall-fondi mill-Unjoni Ewropeja biex jitwaqqaf Istitut Mediterranju għat-Taħriġ u l-Innovazzjoni. Dan l-istitut ikollu r-rwol li jiżviluppa teknoloġiji ġodda f'oqsma indiġeni Maltin u Mediterranji li jistgħu jiġu applikati kummerċjalment u esportati lejn il-bqija tal-Mediterran.

Nemmnu bis-sħiħ li b'direzzjoni strateġika u bi sħubija ma' istituti ewlenin tar-riċerka bħal dawk li għadni kif semmejt, nistgħu inwaqqfu pedament sod għax-xjenza u t-teknoloġija bi prospetti tajbin għall-futur.

*Il-qasam marittimu*

Aktar ma jgħaddi ż-żmien Malta qed issaħħaħ ir-reputazzjoni bħala pajjiż marittimu billi tipprovdi pakkett sħiħ ta' servizzi lill-industrija tal-portijiet u l-merkanzija. Dan qed jingħata spinta minn programm ta' konsolidazzjoni u ristrutturar tal-portijiet. Fl-2005 tajna bidu għar-riforma ta' l-operat tal-ġarr tal-merkanzija fil-Port il-Kbir. Il-proċess għandu jwassal biex titneħħa d-duplikazzjoni fl-immaniġġjar tat-tgħabija u wkoll biex jonqsu l-ispejjeż. Din ir-riforma għandha titlesta sa nofs l-2006.

Barra minn dan, matul l-2006 il-Gvern ser ikompli jimplimenta pjan nazzjonali għall-iżvilupp tal-portijiet sabiex jipprovdi qafas ġdid għall-operat tal-portijiet. Dan jaħseb biex ikun hemm sorveljanza aħjar ta' l-operaturi fil-portijiet min-naħa ta' l-awtorità risponsabbli u sabiex il-liġi dwar il-portijiet tkun aktar sempliċi u tagħti lok għal aktar opportunitajiet ta' kummerċ.

Element ewlieni ta' din ir-riforma hija r-replikazzjoni tas-suċċess li għamilna fil-qasam marittimu għas-settur tal-avjazzjoni. Għal dan l-iskop ser jiġu amalgamati l-Awtorita Marittima Maltija u d-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili f'Awtorita waħda: l-Awtorita Maltija għall-Portijiet.

Din l-istruttura l-ġdida ser tiffaċilita l-proċess biex fil-kamp tal-avjazzjoni l-Gvern jiżviluppa Reġistru tal-Avjazzjoni biex linji ta' l-ajru u kumpaniji oħra fil-qasam ta' l-avjazzjoni barranin jiġu mħajra jużaw ir-reġistru Malti. Kif diġà semmejt qabel, ser jiġi żviluppat ukoll ir-Reġistru tal-Jottijiet. Dawn l-iżviluppi mportanti għandhom ikomplu jsaħħu l-pożizzjoni ta' Malta fil-qasam tas-servizzi marittimi u ta' l-avjazzjoni.

*Għawdex*

Il-Gvern ġa qed jinvesti bil-kbir fl-iżvilupp u l-infrastruttura f'Għawdex. Diġà kelli okkażjoni nsemmi llejla l-investiment li ser isir matul is-sena d-dieħla fi proġetti kapitali ta' portata u li għandhom iħallu effett pożittiv u fit-tul. Dawn jinkludu l-impjant tat-trattament tad-dranaġġ, proġetti ta' toroq iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, il-proġett ta' restawr tal-Ġgantija, u l-Portijiet ta' l-Imġarr u taċ-Ċirkewwa.

Barra minnhekk, il-Gvern jirrikonoxxi li Għawdex għandu vantaġġ uniku fuq Malta. Dan huwa l-fatt li Għawdex għadu jżomm bl-aktar mod ċar l-essenza rurali tieghu u dan il-fatt għandu jkun sfruttat bħala s-sinsla tal-prodott turistiku ta' Ghawdex.

B'rabta ma' din il-politika, Għawdex ser ikun rapprezentat b'mod dirett fuq il-*working group* li diġa ħabbart, u li ser jaħdem fuq il-pjan ta' azzjoni għall-promozzjoni ta' l-agro-turiżmu. Dan qed nagħmluh għax nemmnu li din tista' tkun opportunità għall-iżvilupp ta' proġetti ġodda f'din il-gżira bbażati fuq l-agrikoltura u l-artiġjanat, u li anki jistgħu jiġu ffinanzjati mill-Fondi Strutturali tal-Unjoni Ewropea fil-Bagit 2007-2013.

Il-Gvern flimkien mal-Malta Enterprise ser jassigura li ż-żona industrijali tax-Xewkija tista' tiġi użata aħjar biex taqdi l-esiġenzi u l-ħtiġiet ta' l-industrija żgħira u artiġjanali.

Barra minn hekk il-Gvern ser jibqa' miexi biex isaħħaħ l-infrastruttura turistika. Hemm proġetti li l-Gvern jikkunsidra bħala essenzjali għal Għawdex f'dan is-settur, u għalhekk ser inkomplu nsostnu bl-aktar mod qawwi kull inizjattiva li ttejjeb il-prodott turistiku f'Għawdex inkluż faċilitajiet għal konferenzi, l-ftuħ ta' każinò, *yacht marina* u korsa tal-golf.

**L-Edukazzjoni**

*Mr. Speaker* irrid nisħaq li kull diskors dwar it-titjib fil-kwalità tal-ħajja tal-poplu tagħna u t-tkabbir tal-ġid nazzjonali jrid jibda u jinbena mill-edukazzjoni. Fil-qofol tad-diskors dwar it-tkabbir ekonomiku, r-riċerka u l-innovazzjoni, kultura aktar imprenditorjali, u ħaddiema aktar flessibli, hemm l-iżvilupp tal-ħiliet u l-valuri tal-bniedem. Gvernijiet Nazzjonalisti dejjem poġġew l-edukazzjoni bħala prijorità u sisien. Huwa ta' sodisfazzjon għalina naraw is-suċċess kbir u l-kunsens l-aktar wiesa' li kisbet il-politika tagħna f'dan il-qasam.

It-tisħiħ u t-tiġdid ta' l-edukazzjoni huma essenzjali biex inwettqu l-viżjoni li rridu nilħqu sa l-2010, anke f'kuntest u miri Ewropej. Għaldaqstant, in-nefqa fl-Edukazzjoni f'Malta u Għawdex għas-sena d-dieħla ser tkun ta' Lm108 miljun. Tajjeb ngħid li n-nefqa tagħna fl-edukazzjoni bhala persentaġġ min-nefqa tal-Gvern u mill-Prodott

Gross Domestiku tipparaguna tajjeb ħafna ma' dik ta' pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropea.

F'dik li hija nefqa fl-iskejjel primarji u sekondarji ta' l-Istat f'pajjiżna, il-Gvern fl-2006 ser ikun qed jinvesti kważi Lm53 miljun, li tfisser li, għal kull student qed isir investiment ta 'l fuq minn Lm1,200 ras għal ras. Il-Gvern qed jaħdem, flimkien ma' dawk kollha nvoluti, biex naraw li n-nefqa li qed issir tassew twassal għal edukazzjoni ta' kwalità għall-istudenti kollha tagħna u tagħti r-riżultati mistennija.

Għalhekk din is-sena nidejna numru ta' proposti għar-ristrutturar tas-sistema edukattiva obbligatorja kif imfisser fid-dokument '*Biex Uliedna Jirnexxu Lkoll*'. Il-Gvern qed jaħdem biex is-setturi diversi tas-sistema edukattiva kollha tagħna, mill-iżgħar sa l-ogħla livell, tiġġedded biex is-soċjetà tagħna tkun kapaċi u fiduċjuża tilqa' l-isfidi u tisfrutta l-opportunitajiet kollha li postna fl-Ewropa u fid-dinja qed joffrilna.

Il-Gvern irid li jsaħħaħ l-istrutturi nazzjonali biex nassiguraw aħjar l-i*standards* u l-kwalità fit-tagħlim u nkomplu ntejbu r-riżultati ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ. Fl-2006 qed nimmiraw li l-Parlament japprova l-provvedimenti leġislattivi meħtieġa biex id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni tiġi ristrutturata f'żewġ entitajiet distinti iżda komplimentari. Direttorat ser jitwaqqaf biex jirregola l-i*standards* u l-kwalità ta' l-iskejjel kollha, sew dawk privati, sew dawk tal-Knisja u sew dawk ta' l-Istat. Direttorat ieħor ser ikun responsabbli għall-operat aktar effettiv u effiċjenti ta' servizzi ta' appoġġ u riżorsi għall-iskejjel primarji u sekondarji ta' l-Istat. Fl-istess ħin ser nipprovdu l-bażi legali għat-twaqqif tal-kulleġġi reġjonali u awtonomi.

Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol wasal biex itemm proċess mill-aktar intensiv ta' analiżi kritika ta' l-oqsma u tas-servizzi edukattivi tagħna. Din l-analiżi twettqet b'konsultazzjoni ma' min hu nvolut, bil-ħidma ta' esperti fl-oqsma diversi. Minbarra l-process tat-twaqqif ta' Kulleġġi, u ta' tħaddim ta' *networkin*g, tul is-sena 2006, il-Gvern ser jaħdem biex jimplimenta kemm jista' mir-

rakkomandazzjonijiet tajba li għandu mid-diversi analiżi li saru biex itejjeb u jsaħħaħ is-servizzi edukattivi fil-qasam ta' l-edukazzjoni bikrija, l-edukazzjoni speċjali u inkluživa, assentejiżmu u d-dixxiplina, ir-riformi fis-sistema ta' l-eżamijiet tal-MATSEC, is-servizzi ta' gwida lill-istudenti għall-għażla ta' korsijiet u karrieri, u l-edukazzjoni għall-adulti u t-tagħlim tul il-ħajja.

Fuq dan kollu l-Gvern qiegħed fi proċess ta' diskussjonijiet u negozjati mal-*Unions* konċernati, b'mod partikolari ma' l-Unjon ta' l-Għalliema l-MUT. S'issa l-Gvern hu sodisfatt li dawn id-diskussjonijiet dwar ir-riformi fl-edukazzjoni mexjin bi spirtu pożittiv u kostruttiv u nittama li fil-futur qarib inkunu nistgħu nirrapportaw il-progress mixtieq.

Wara li din is-sena il-Gvern iffoka fuq l-iżviluppi li jrid iwettaq fl-edukazzjoni obbligatorja fl-iskejjel primarji u sekondarji, issa fis-sena li ġejja 2006 il-Gvern ser jimbarka fuq fażi importanti ta' l-iżviluppi meħtieġa fl-edukazzjoni ogħla dik post-sekondarja, vokazzjonali u terzjarja.

L-implimentazzjoni tar-Rapport Spiteri neċessarjament tinkludi l-iżvilupp ta' l-iskejjel speċjali eżistenti f'ċentri ta' riżorsi u servizzi. Dan hu mportanti għall-istudenti kollha bi bżonnijiet speċjali, iżda wisq aktar għal dawk l-istudenti b'diżabilità severa li jsibu diffikulatijiet kbar biex jidħlu f'sistemi post-sekondarji. Il-Gvern hu konxju tad-diffikultajiet li dawn il-persuni jiffaċċjaw meta jiġu biex jgħaddu mill-iskejjel speċjali għas-Servizzi ta' Matul il-Jum. Il-Gvern diġà beda eżerċizzju biex jeżamina l-potenzjal li jeżisti fl-iżvilupp ta' dawn l-iskejjel bl-iskop li naraw jistgħux jinħolqu fihom servizzi edukattivi u vokazzjonali post-sekondarji. Dan l-eżerċizzju jitlesta fis-sena 2006, ħalli l-Gvern ikun jista' jindirizza dan il-bżonn mill-aktar fis possibbli.

Wara l-pubblikazzjoni tar-Rapport Chalmers dwar il-finanzjament tas-sistema ta' edukazzjoni ogħla ta' l-Istat, wettaqna riforma fis-sistema ta' l-istipendju li għandha tassigura mhux biss li l-edukazzjoni ogħla tibqa' aċċessibli għal kulħadd, iżda wkoll li nħeġġu l-istudenti jagħmlu għażliet favur dawk il-kwalifiki meħtieġa biex insaħħu l-

kompetittività ta' pajjiżna. Issa għas-sena 2006 il-Gvern, minbarra Lm8.3 miljun għall-istipendji inklużi dawk għall-istudenti ta' l-ITS), ser jalloka Lm200,000 biex jintroduċi skema ta' "*Scholarships* tal-Gvern Malti" għal studju, taħriġ u riċerka fil-livell ta' *Master* u Ph.D's. Barra minn hekk, bi ħsiebna wkoll nieħdu l-passi meħtieġa biex l-iskema ta' self vantaġġjuz tal-*Youth Specialisation Studies Scheme*, li sal-lum hi limitata għal studju, taħriġ u riċerka f'universitajiet u kulleġġi barra minn Malta, tiġi estiża għal korsijiet *post-graduate* f'Malta wkoll.

Kif semmejt ftit mumenti ilu, l-Gvern ser iwaqqaf b'liġi Kummissjoni Nazzjonali għal l-Edukazzjoni Ogħla b'Segretarjat Permanenti bħala l-pass li jmiss fit-triq tar-riformi meħtieġa fil-qasam ta' l-edukazzjoni ogħla bl-iskop li nsaħħu u nkattru l-kwalità ta' l-edukazzjoni post-sekondarja, vokazzjonali u terzjarja. Il-Gvern irid li din l-istruttura sservi bħala għodda ewlenija biex l-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni ogħla – inklużi l-*Institute for Tourism Studies*, l-Malta College of Arts, Science and Tourism u l-Università – jassiguraw *standards*, kwalifiki u kwalità rikonoxxuti kullimkien u li fuqhom student jista' jkompli jibni matul il-karriera tiegħu, f'qafas ta' strateġija u fuq bażi finanzjarja li tippermetti l-istituzzjonijiet jilħqu l-miri u jissodisfaw il-bżonnijiet li l-pajjiż għandu bżonn. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra, għad-diskussjoni pubblika, speċjalment ta' l-istituzzjonijiet u l-persuni konċernati, id-dokument tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, "*National Commission for Higher Education*", li jiġbor fih dettalji dwar l-iskopijiet u l-funzjonijiet ta' din l-istruttura u t-termini ta' riferenza tagħha.

Irridu li f'pajjiżna s-settur privat, lokali u barrani, jingħatalhu l-ispazju biex jidħlu istituzzjonijiet edukattivi ġodda ta' livell għoli, li joffru servizzi b'mezzi innovattivi, fosthom permezz ta' l-użu estiż tat-teknoloġija ta' l-informatika u tat-tagħlim minn distanza. B'hekk, inwessgħu l-opportunitajiet ta' tagħlim għaċ-ċittadini tagħna fl-istess ħin li nsaħħu u nwessgħu n-niċċa ġdida ekonomika ta' servizzi edukattivi għal studenti barranin.

L-edukazzjoni ta' kwalità li dan il-Gvern irid jagħti lil uliedna, titlob l-aħjar infrastruttura, teknoloġija u ambjent. Huwa għalhekk li l-Gvern is-sena d-dieħla ser jinvesti Lm5 miljun oħra fil-bini ta' skejjel ġodda u fl-immodernizzar ta' l-iskejjel li għandna f'Malta u f'Ghawdex. Il-Gvern irid li sa bħal-lum sena jikkonkludi l-proċess ta' permessi u *tenders* għall-bini ta' l-iskejjel sekondarji l-ġodda f'Ħal Qormi (Ħandaq), Bormla (Verdala), in-Naxxar, u l-iskola primarja ġdida f'Pembroke. Irridu li tkun lesta l-estensjoni li diġà bdiet ta' l-Iskola Sekondarja Ogħla Giovanni Curmi biex din l-iskola tkun tista' toffri aktar opportunitajiet f'livell post-sekondarju, b'servizzi u faċilitajiet aħjar. L-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada ser taħdem mal-Ministeru għal Għawdex biex jitwettaq pjan ta' mmodernizzar għal-iskejjel kollha li jiffurmaw il-Kulleġġ ta' Għawdex. Irridu wkoll li nkunu bdejna l-bini tal-kumpless sportiv f'Ħal Kirkop biex jitlesta sas-sena 2007. Dan kollu minbarra xogħolijiet oħra f'diversi skejjel primarji u sekondarji li għandhom x'jaqsmu ma' estensjonijiet, bini ta' swali, titjib u tisbieħ kif ukoll faċilitajiet sportivi u ħwejjeġ oħra li jkomplu jwettqu dejjem aħjar l-għanijiet tal-Kurrikulu Nazzjonali.

F'dik li hi spiża kapitali, għal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, il-Gvern ser jinvesti s-somma ta' Lm1.7 miljun fil-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija u Lm750,000 għall-Universita'. Tajjeb wieħed jgħid li, għal dik li hija spiża rikurrenti għal dawn l-istituzzjonijiet, il-Gvern fl-2006 ser jinvesti Lm17.1 miljun, eskluż l-istipendji li, kif diġà għidt fl-2006 ser jammontaw għal Lm8.3 miljun. Wieħed irid ifakkar ukoll li għall-istudenti Għawdxin, il-Gvern ser jalloka Lm300,000 minn din is-somma f'għajnuna speċjali marbuta ma' l-ispejjeż li dawn l-istudenti jidħlu fihom biex jistudjaw f'Malta. Din is-sena il-Gvern ser jalloka s-somma speċifika ta' Lm200,000 biex jinxtraw kotba ġodda għall-Università ta' Malta. Din l-allokazzjoni ser tissuplimenta n-nefqa rikurrenti fuq kotba u perjodiċi li diġà tagħmel l-Universita minn sena għal sena u li taqbeż l-Lm400,000.

Huwa ċar li dawn l-inizjattivi u proġetti, ppjanati bi strateġija ċara, juru li l-Gvern għandu direzzjoni u viżjoni fejn irid iwassal l-edukazzjoni f'pajjiżna. Bil-politika u l-impenn determinat tiegħu fil-

qasam edukattiv, il-Gvern irid li noffru lil uliedna edukazzjoni ta' kwalità li mhux biss tkattar l-iżvilupp ekonomiku imma, aktar minn hekk, twassal għal livel ta' għixien u sodisfazzjon ogħla ta' kull ċittadin Malti u Għawdxi.

**L-Ambjent**

Illum kulħadd qed isir aktar konvint li l-ambjent huwa element li għandu impatt dirett fuq il-kwalità u l-istil ta' ħajja li ngħixu. L-investiment li qed ipoġġi l-Gvern f'dan is-settur jikkonferma kemm anke l-Gvern huwa kommess għar-responsabbiltà kbira li għandu li jgħaddi lill-ġenerazzjonijiet tal-futur wirt ambjentali b'saħħtu.

Tajjeb li nenfasizza li jista' jkollna ambjent aħjar biss jekk kull wieħed u waħda minna jaġixxi b'responsabbiltà u sensittivita'.

L-istrateġija ambjentali tal-Gvern hija msejsa fuq numru ta' inizjattivi.

L-ewwel: li nedukaw għat-trawwim ta' kultura li tirrispetta l-ambjent.

It-tieni: li ninvestu fl-istrutturi u infrastruttura meħtieġa biex l-iskart li niġġeneraw jiġi mmaniġġjat b'mod responsabbli u li jħalli l-anqas impatt negattiv fuq l-istess ambjent ta' madwarna.

It-tielet: li nkomplu nirriġeneraw l-ambjent billi ninvestu f'parks nazzjonali, afforestazzjoni, u rijabilitazzjoni ta' widien, biex nerġgħu nirripristinaw l-ambjent u nagħtuh lura għat-tgawdija tal-poplu Malti.

Ir-raba': li nassiguraw ruħna li nagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi ta' pajjiżna. Din tista' tgħinna nindirizzaw id-dipendenza fuq iż-żejt biex niġġeneraw l-enerġija u l-ilma f'pajjiżna.

*Kultura li Tirrispetta l-Ambjent*

*Mr. Speaker*, għax nemmnu li l-qofol tal-bidliet li rridu nġibu jeħtieġu bidla fil-kultura ambjentali, l-Gvern fis-sena 2006 ser isaħħaħ l-investiment tiegħu f'inizjattivi marbuta ma' l-edukazzjoni ambjentali. Fost l-oħrajn, ser ninvestu fi programm ta' Lm400,000 li bih ser inħarrġu, b'ko-finanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew, numru ta' *Waste Management Trainers* biex iżuru d-djar tal-poplu Malti u Għawdxi u jispjegaw u jwasslu t-tagħrif meħtieġ fuq l-immaniġġjar tal-iskart. Il-mira tagħna hija li sa l-aħħar tal-2006 inkunu lħaqna 20,000 familja.

L-inizjattiva tal-Ekoskola, li fiha s'issa qed jipparteċipaw 26 skola f'Malta u Għawdex, qiegħda trawwem kuxjenza fost il-ġenerazzjonijiet żgħar u qiegħda twassal biex ir-rispett lejn l-ambjent ikun jifforma parti ntegrali mill-kurrikulu. Din l-inizjattiva, ko-ordinata man-Nature Trust, hija prova ta' kemm il-Gvern jaħdem id f'id mal-volontarjat biex ikabbar l-edukazzjoni ambjentali.

Waqt li l-edukazzjoni u l-informazzjoni għandhom jgħinu biex nibdew naslu għal atteġġjament aktar konxju lejn l-ambjent, dan ma jfissirx li m'aħniex lesti li nissanzjonaw min jibqa' jippersisti li jkun kappriċċuż mal-ambjent.

Għaldaqstant, ser niġġieldu ġlieda bla ħniena u bla waqfien kontra r-rimi ta' l-iskart u l-ħmieġ. Min jarmi ż-żibel barra qed jagħmel il-ħsara lil pajjiżu, lill-kwalità tal-ħajja tiegħek u tiegħi, u lid-dehra li qed nagħtu ta' pajjiżna, barra milli qed ikun kaġun li naħlu r-riżorsi li nkunu nvestejna b'tant sagrifiċċju biex ikollna ambjent aħjar. Hija ħasra li hemm bżonn nużaw is-saħħa tal-liġi biex inrażżnu l-problema tar-rimi ta' l-iskart, iżda ħadd m'għandu jitħassar lil min jinqabad.

Il-Gvern immexxi minni mhux ser jittollera t-terroriżmu ambjentali u kulturali. Qed inwissi lil min iwettaq il-vandaliżmu kontra l-wirt storiku u naturali tagħna li jekk jinqabad nieħdu l-passi kollha li tipprovdi l-liġi.

Fl-2006 ser noħorġu regolamenti ġodda fuq is-siti fejn ikun għaddej xogħol ta' bini. Hawn ħafna kuntratturi li ma jagħtux każ l-inkonvenjent li joħolqu bl-istorbju u t-trab, u lanqas ma jagħtu każ is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Din is-sitwazzjoni trid tinbidel.

***Ninvestu fl-Istrutturi u Infrastruttura Meħtieġa għall-Immaniġġjar tal-Iskart***

Għas-sena 2006, l-ispiża kapitali favur l-ambjent u l-immaniġġjar tal-iskart ser tiżdied minn Lm11.6 miljun għal Lm15.9 miljun, żieda ta' Lm4.3 miljun, jew 37% għas-sena 2006.

F'dak li hu mmaniġġjar tal-iskart, il-Gvern adotta strateġija mibnija fuq numru ta' inizjattivi. L-ewwel inizjattiva hija r-rijabilitazzjoni tal-Magħtab, il-Qortin u Wied Fulija. Fuq dan ser ninvestu Lm3.6 miljun matul is-sentejn li ġejjin bl-għajnuna ta' fondi mill-Unjoni Ewropea.

It-tieni inizjattiva mportanti hija investiment ta' Lm2 miljun minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea fix-xiri ta' apparat għall-*bring in sites* u stazzjonijiet għar-riċiklaġġ. Qed nimmiraw għal 400 *bring-in site*, li minnhom 170 diġà ġew identifikati mill-Wasteserv bl-għajnuna tal-kunsilli lokali. Bħalissa qed jiġu proċessati l-applikazzjonijiet bil-ħsieb li jibda xogħol preparatorju fuq dawn is-siti fl-2006.

Il-Gvern ser iwaqqaf ukoll ħames ċentri li fihom il-pubbliku ser ikun jista' jieħu l-iskart goff, b'mod separat, biex jiġi ttrattat. Uħud minn dawn iċ-ċentri mistennija li ser jibdew jaħdmu minn nofs is-sena d-dieħla.

It-tielet: l-użu ta' *engineered landfills* għall-iskart domestiku li ser inkomplu naħdmu fuqhom matul is-sena d-dieħla. Fl-2006 jibda wkoll ix-xogħol fuq il-bini ta' *waste transfer station* għal Għawdex.

Ir-raba' inizjattiva hija t-titjib fl-impjant tar-riċiklaġġ ġewwa Sant'Antnin. Ser isir investiment ta' Lm7.2 miljun li ser ikun ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea.

Il-ħames inizjattiva hi marbuta mar-riklamazzjoni ta' l-art. Il-Gvern aktar kmieni din is-sena ppubblika studju preliminari bi proposti fuq ir-riklamazzjoni ta' l-art. Din l-inizjattiva tista' tkun ukoll soluzzjoni parzjali għall-immaniġġar ta' skart mill-bini u t-tħaffir. Dan it-tip ta' skart ilaħħaq għal 80% ta' l-iskart kollu li jiġi ġenerat f'Malta. Tajjeb wieħed igħid li fil-passat it-terrapien tal-bini mwaqqa' ġa ntuża għar-riklamazzjoni ta' l-art fil-Pietà, il-Marsa u l-Imsida, wara l-gwerra.

Fl-2006 ser isiru studji dettaljati dwar ir-riklamazzjoni u tittieħed deċiżjoni finali. Jekk id-deċiżjoni tkun pożittiva, noħorġu proposta formali li titlob offerti għall-investiment mis-settur privat fuq bażi ta' *tender* kompetittiv.

***Inkomplu Nirriġeneraw l-Ambjent***

Sar ħafna xogħol f'dawn l-aħħar snin biex l-ambjent Malti iħaddar, inkluż bit-tħawwil tas-siġar u t-tisbiħ tat-toroq. Ser insostnu l-impenn tagħna f'dan il-qasam.

Fl-2006 ser inħawlu 11,000 siġra fi Xrobb l-Għaġin, il-Park Nazzjonali Ta' Qali, is-Salina u l-Mellieħa. Il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent ser isaħħaħ l-isforzi tiegħu li jsib sħab fis-settur privat li lesti jagħtu kontribut għal din l-inizjattiva. Il-Gvern ser jagħmel il-kontribuzzjoni tiegħu ukoll billi jinvesti Lm100,000.

Anke f'dan is-settur hemm lok ta' sħubija mal-privat. Fis-sena 2006, il-Gvern ser jidentifika lokalitajiet li jistgħu jiġu żviluppati f'żoni ta' mistrieħ u rekrejazzjoni għat-tfal u l-familji Maltin f'forma ta' *public private partnerships.*

Il-*landscaping* ta' Malta marbut ħaġa waħda mat-tfassil tat-toroq. Tajjeb għalhekk li t-triqat li ġew irranġati riċentement sarilhom anki xogħol ta' *landscaping*, bħat-tħaffir ta' kanali għall-ilma u ta' bjar u tħawwil ta' siġar. Għandna nitgħallmu minn din l-esperjenza u niżguraw li din il-filosofija tibqa' tiġi applikata fil-futur.

L-investment fir-rijabilitazzjoni tal-widien u l-i*storm watercourses* ser ikompli bl-istess ritmu. Għandu jitlesta x-xogħol fuq il-proġett tal-*watercourse* ta' Ħal Qormi u l-Marsa, ir-rijabilitazzjoni tal-*watercourse* ta' Burmarrad u s-Salini, u r-rijabilitazzjoni ta' Wied Inċita.

**Agrikoltura**

Għas-sena 2006, il-prioritajiet fis-settur agrikolu ser ikunu : *food safety*, il-kompetittività ta' prodotti agrikoli, il-*grading* ta' uċuh tar-raba', u r-ristrutturar. Il-Gvern huwa impenjat li jkompli l-ħidma sabiex impjanti lokali jibqgħu jżommu livell ta' iġene għall-ħarsien tal-konsumatur. Fil-fatt numru ta' prodotti agrikoli ser ikunu *graded* skond normi Ewropej bil-għan li l-prezzijiet għall-bdiewa jkunu mħarsa u l-konsumatur ikollu garanzija ta' prodotti ta' kwalita' b'użu minimu ta' pestiċidi.

Dak li seħħ fl-2005, b'mod partikolari fis-settur ta' l-ipproċessar tal-ħalib għandu jkun ta' xprun għar-ristrutturar f'setturi oħra.

Permezz tal-pagamenti diretti lill-bdiewa u raħħala, kif ukoll billi tinżamm l-istabbilità fil-prezzijiet tal-ġwież, il-Gvern ser ikompli jgħin biex il-prodott lokali jibqa' mħares.

Kif wieħed jistenna, dan l-istrutturar ser jitkompla permezz ta' għajnuna mill-Pjan għal iżvilupp Rurali u permezz ukoll ta' fondi strutturali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll dawk tal-Gvern Malti. Ir-ristrutturar ser ikompli jgħin biex il-produtturi Maltin u Għawdxin ikomplu jilqgħu l-isfidi ta' suq wieħed kif ukoll il-globalizzazzjoni fil-kummerċ.

**Sajd**

Fil-qasam tas-sajd il-priorità prinċipali ser tkun il-bini ta' *dry standing facility* f'Marsaxlokk li ser jiswa madwar Lm1 miljun, li minnhom l-Unjoni Ewropea ser toħroġ 75%. Dan il-proġett ser ikompli jtejjeb il-faċilitajiet għas-sajjieda u jnaqqas l-ispejjeż ta' l-operat tagħhom.

Ser tkompli l-għajnuna lis-sajjieda biex jagħmlu titjib fil-bastimenti minn fond tal-Unjoni Ewropea.

Kif imwiegħed fil-Programm Elettorali, mis-sena d-dieħla ser tidħol fis-seħħ skema ta' assigurazzjoni għas-settur agrikolu u dak tas-sajd. Din l-iskema, li d-dettalji tagħha waslu biex ikunu finalizzati, ser tipprovdi serħan il-moħħ lill-bdiewa, raħħala u sajjieda *full-time*. Ta' min jinnota wkoll li l-Unjoni Ewropea qed tipproponi skema komparabbli ma' dik li tfasslet f'pajjiżna u għalhekk skema bħal din tista' tkun iffinanzjata parzjalment mill-Unjoni Ewropea fis-snin li ġejjin. Qed jiġu vvutati Lm250,000 għal din l-iskema.

***Nindirizzaw id-Dipendenza fuq iż-Żejt***

*Mr. Speaker*, il-ġimgħa li għaddiet il-Gvern kien kostrett li jħabbar numru ta' miżuri li jaffettwaw il-prezz ta' l-elettriku u l-petrol f'pajjiżna biex jindirizza l-impatt li l-prezz taż-żejt qed iħalli fuq in-nefqa li pajjiżna qed jagħmel biex jiġġenera l-elettriku. Il-previżjonijiet ta' esperti internazzjonali f'dan il-qasam qed jindikaw li l-prezz taż-żejt mhux mistenni li jerġa' jinżel għall-livelli li konna mdorrijin bihom. Dan ifisser li pajjiżna mhux biss irid jieħu l-miżuri biex jara kif ser jiffinanzja din in-nefqa ġdida, iżda b'mod ħolistiku jrid janalizza kemm hu għaqli li pajjiżna jibqa' daqstant dipendenti fuq iż-żejt.

Għal dan il-għan, permezz tal-Awtorità Maltija għar-Riżorsi, il-Gvern beda l-istudji meħtieġa biex janalizza fid-dettal il-possibbiltà li, jew isir *cable* bejn Malta u xi pajjiż ġar tagħna biex jinxtara l-elettriku minn fuq il-*grid* Ewropew, jew li permezz ta' *pipeline* jew impjant ta' *gas*

*storage* nintroduċu l-gass bħala sors ieħor għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku.

Madankollu, jinħtieġu ukoll numru ta' miżuri li jippromwovu sorsi alternattivi ta' l-enerġija. Sal-lum, ma jirriżultax li proġetti kbar ta' *wind farms* u *solar energy farms* huma rakkomandabbli għal pajjiżna. Għalkemm xorta l-Gvern għadu ma għalaqx il-bibien għal kollox u għadu qed jesplora l-possibbiltà ta' *wind farms* fil-baħar, il-kontribut li dawn jistgħu jagħtu f'termini ta' volum fl-enerġija li jipproduċu huwa minimu. Barra minnhekk, it-teknoloġija f'dan is-settur għadha qed tiżviluppa b'rata mgħaġġla, u dak li llum għadu mhux possibli jista' jinbidel fil-futur qarib.

Tajjeb infakkar li l-bidliet fis-sisa fuq il-petrol li ħabbarna l-ġimgħa li għaddiet u l-aġġustamenti fl-elettriku li bdew is-sena l-oħra huma riflessi fl-abbozz ta' liġi li qed jiġi ppreżentat ma' dan il-Bagit.

*Mr. Speaker*, il-konsum ta' l-enerġija jiddependi ukoll mill-imġieba ta' kull wieħed u waħda minna. S'issa, ftit hawn min fittex sorsi alternattivi ta' l-enerġija minkejja l-inċentivi li ppruvajna nagħtu fil-passat.

X'aktarx li m'hawnx biżżejjed għarfien ta' liema sorsi alternattivi ta' enerġija hawn, kif wieħed jista' jisfruttahom, u kemm jiffrankawlu flus. Minħabba f'hekk, il-Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent flimkien ma' l-Awtorità Maltija dwar ir-Riżorsi ser jibda kampanja informattiva li għandha twassal biex in-nies isiru aktar konxji mir-responsabbiltajiet ambjentali tagħhom f'dan il-qasam. Għal dan ser nallokaw Lm100,000 fl-2006.

Il-Gvern jirrikonoxxi li l-edukazzjoni waħedha mhix biżżejjed biex tbiddel il-mentalità. Fil-Bagit tas-sena li għaddiet ħabbart skema biex min jinstalla sistema ta' prodotti li jużaw enerġija mix-xemx ikollu rifużjoni ta' 15% fuq l-ispiża sa massimu ta' Lm50. Il-Gvern din is-sena qed jgħolli r-rifużjoni għal 25% sa massimu ta' Lm100. Barra minn hekk din l-iskema qed tiġi estiża għal sistemi oħrajn li jużaw

enerġija mir-riħ, kif ukoll għal sistemi ta' *insulation* tal-bjut tad-djar privati.

Barra minn dan, tajjeb ninnotaw li jekk familja għandha sistema fotovoltajka u tiġġenera iżjed enerġija milli għandha bżonn f'ħin partikolari, din l-enerġija tintilef. Aħna nemmnu li din l-enerġija żejda għandha tintuża fis-sistema nazzjonali ta' l-elettriku.

Għal dan il-għan il-Gvern ser jagħti numru ta' inċentivi biex inħajru din it-tip ta' ġenerazzjoni elettrika.

L-ewwel: Fuq l-ispiża kapitali inizjali, il-Gvern ser jagħti rifużjoni ta' 20% sa massimu ta' Lm500.

It-tieni: L-Enemalta mhux ser tiċċarġja għall-*meter* li hu meħtieġ biex topera din is-sistema. Dan kellu spiża ta' Lm20.

It-tielet: L-Enemalta ser tintroduċi sistema fejn tassorbi l-enerġija elettrika u tipprovdi l-enerġija elettrika meta jkun hemm bżonn, b'sistema ta' tpartit. Jekk dak il-konsumatur, fuq perjodu ta' żmien, jagħti lill-Enemalta iktar enerġija milli jikkonsma, l-Enemalta tħallas għall-enerġija bir-rata ta' 3c għal kull unit.

### *L-Investiment fit-Toroq ta' Pajjiżna*

*Mr. Speaker*, din is-sena bla dubju ta' xejn kienet ċertifikat li uriet id-determinazzjoni tal-Gvern biex nagħtu lil pajjiżna toroq ta' l-aqwa kwalita. Rajna l-kostruzzjoni ta' numru ta' kilometri ta' toroq li nbnew skond *standards* internazzjonali, fit-terminu u bl-ispiża stabbilita.

Matul l-2006 il-Gvern ser ikompli bl-impenn tiegħu biex jinvesti fit-toroq kemm bi flus mill-fond konsolidat kif ukoll b'ko-finanzjament mill-Unjoni Ewropea. Il-proġetti jinkludu nefqa ta' Lm1.6 miljun biex isir ix-xogħol fuq il-pont ta' Triq Reġjonali, Lm1.2 miljun biex issir it-tielet fażi tat-triq ta' Ħal Far u nefqa ta' Lm2 miljun fuq toroq arterjali oħra.

Apparti dan kollu, aħna nagħrfu wkoll il-bżonn li nagħtu spinta akbar fuq it-toroq residenzjali għaliex dawn jeffettwaw il-ħajja ta' kulljum tal-familji li jgħixu fihom. Għaldaqstant din is-sena, in-nefqa fuq dan is-settur se tiżdied b'Lm2 miljun għal total ta' Lm7 miljun. B'hekk ikun jista jitwettaq programm mifrux f'diversi bliet u rħula f'pajjiżna.

### *Il-Politika Soċjali tal-Gvern*

L-ispiża rikurrenti fuq il-politika soċjali tammonta għal 46% tan-nefqa totali tal-Gvern. Is-sena d-dieħla n-nefqa soċjali rikurrenti tal-Gvern ser tiżdied minn Lm463.5 miljun għal Lm475.3 miljun. Din tfisser żieda ta' Lm11.8 miljun jew aħjar 2.5%. Dan ifisser li n-nefqa soċjali ser tibqa' 24% ta' dak li jipproduċi l-pajjiż.

Dawn iċ-ċifri waħedhom iġegħluna nirrikonoxxu l-ħtieġa urġenti li nassiguraw irwieħna mis-sostenibbiltà tas-sistemi soċjali ta' pajjiżna. Fl-istess ħin irridu wkoll nassiguraw ruħna mill-adegwatezza tagħhom. Dan jirrikjedi li fejn hemm bżonn inwettqu r-riformi meħtieġa.

Waqt li huwa d-dmir tal-Gvern li jassigura li ħadd ma jaqa' lura u jiġi eskluż mis-soċjetà, huwa d-dmir ukoll tal-Gvern li jassigura li dawn il-benefiċċji jmorru biss għand min ħaqqu.

### *Ir-riforma fis-sistema tal-pensjonijiet*

Fil-Bagit tas-sena li għaddiet poġġejt fuq il-mejda tal-Kamra *white paper* b'rakkomandazzjonijiet għar-riforma tal-pensjonijiet. Wara dan nbeda proċess twil u estensiv ta' konsultazzjoni u diskussjonijiet. Importanti ngħid li fil-maġġoranza assoluta kulħadd jaqbel li hemm bżonn ta' riforma u li s-sistema li għandna llum la hija adegwata u lanqas sostenibbli fit-tul.

Anke hawn, xtaqt ħafna li jkollna kontribut kostruttiv mill-Oppożizzjoni. Din hi materja ta' interess nazzjonali qawwi u tifrex fuq medda twila ta' żmien. Hi wkoll materja li tmiss il-futur ta' min għad irid joħroġ bil-pensjoni għaliex jekk nibqgħu ma nagħmlu xejn, il-

pensjonanti tal-futur mhux ser ikollhom pensjoni adegwata biex jgħixu kwalità ta' ħajja aċċettabbli. Diġà din is-sena bdejna nħossu l-problema tan-numru ta' pensjonanti li twieldu wara l-gwerra jew kif magħrufa aħjar bħala l-*baby boom*. Waqt li r-rata tat-twelid qed tonqos, in-numru ta' pensjonanti qed jiżdied b'mod drammatiku. Jekk inħarsu lejn l-aħħar għaxar snin, insibu li l-medja ta' persuni li kkwalifikaw għal pensjoni ta' l-età kienet ta' 1,962 persuna fis-sena. Din is-sena, dan in-numru huwa ta' 4,400, żieda ta' 2,438 persuna li tfisser Lm7 miljun iżjed fin-nefqa tal-pensjonijiet. Is-sena d-dieħla huwa kkalkulat li ser jikkwalifikaw 5,792 persuna, 1,392 persuna iżjed minn din is-sena.

Iż-żmien għad-diskussjoni issa mmatura bizzejjed biex naslu għad-deċiżjonijiet.

Il-Grupp fuq il-Pensjonijiet ippreżenta r-rapport finali tiegħu lill-Gvern li qed inpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra. Il-Gvern qiegħed jistudja dan ir-rapport bl-attenzjoni u d-dettal li jixraqlu. Hija l-intenzjoni tal-Gvern li jikkommunika d-deċiżjonijiet tiegħu fil-gimgħat li ġejjin biex issa ngħaddu għal fażi ta' l-implimentazzjoni.

***Is-Servizzi tas-Saħħa***

Fid-Dokument ta' Qabel il-Baġit, konna urejna l-intenzjoni li nibdew inħaddmu l-prinċipju tal-Kont tas-Saħħa. Dan il-kont juri d-dħul li l-Gvern qed jiddedika għal dan il-Kont, jiġifieri it-3% mill-VAT, it-taxxi marbuta mas-sigaretti u xorb alkoħoliku, u dħul minn ħlasijiet minuri fl-isptarijiet kif ukoll in-nefqa kollha rikurrenti u kapitali, eskluża n-nefqa li qed issir fuq l-isptar Mater Dei. Nixtieq nirrileva *Mr. Speaker* li dan il-Kont għas-sena 2006 ser juri *deficit* ta' Lm23 miljun li qed tiġi ffinanzjata mil-Fond Konsolidat. In-nefqa fis-Saħħa llum tlaħħaq il-Lm101.5 miljun. In-nefqa fuq l-Isptar Mater Dei ser tkun Lm37.2 miljun.

Il-Gvern immexxi minni jemmen bil-qawwa f'servizz ta' saħħa ta' kwalità u aċċessibbli għal kulħadd. Iż-żamma stretta u kontinwa ma dan il-prinċipju hija wieħed mill-elementi li jagħmlu lil Malta soċjetà inklużiva u ta' wens.

*Mr. Speaker*, jekk ma nieħdux kontinwament miżuri biex niżguraw l-effiċjenza, l-effettività, l-ekonomija u l-kontabilità fis-servizzi tal-kura tas-saħħa, mhux ser ikun aktar possibbli għalina li nsostnu u nkomplu niżviluppaw dan il-pilastru tant importanti għall-benessere tas-soċjetà.

Fl-2006 il-Gvern ser ikompli għaddej b'numru ta' riformi f'dan is-settur. Bi ħsiebna ngħaddu qafas leġiżlattiv ġdid u komprensiv dwar is-servizzi tas-saħħa biex noħolqu distinzjoni bejn ir-rwol regolatorju u dak operattiv.

Ser inkomplu wkoll bir-riforma tas-servizzi farmaċewtiċi li jipprovdi l-Gvern. Tajjeb wieħed japprezza li n-nefqa fil-mediċini sa 10 snin ilu ma kinitx taqbeż Lm6 miljun. Illum din tlaħħaq għal madwar Lm20 miljun. Jiġifieri llum qed nonfqu tliet darbiet aktar minn 10 snin ilu. Irridu nassiguraw ruħna li dak li qed nħallsu għall-mediċini li qed nixtru huwa prezz ġust. Min-naħa l-oħra rridu wkoll nassiguraw li s-servizz li qed nipprovdu ma jkunx abbużat. Is-sena d-dieħla irridu nilħqu dawn l-għanijiet.

Għalhekk ser tiddaħħal is-sistema ta' *pricing policy* għall-farmaċewtiċi. Ser nirrevedu ukoll il-katina sħiħa tas-servizzi farmaċewtiċi, mill-ippjanar sax-xiri, id-distribuzzjoni u l-awditjar. Barra minn dan, ser nirrevedu l-protokolli tal-preskrizzjoni biex ma jibqgħux jingħataw mediċini li għalihom ma hemmx eliġibilità.

Sfortunatament hawn min juża ħażin u jabbuża mis-servizz tas-saħħa. Jidhrilna għalhekk illi f'dan l-istadju għandna nsaħħu l-miżuri ta' organizzazzjoni u awditjar biex intejbu kemm jista' jkun il-ġlieda kontra l-użu ħażin u l-abbuż.

Nixtieq ukoll nieħu l-okkażjoni għal darba oħra, permezz ta' dan id-Diskors, biex nassigura lill-poplu Malti u Għawdxi li l-Gvern diġà ħa kull prekawzjoni meħtieġa kontra l-possibbiltà li tfaqqa' il-pandemija. Għaldaqstant il-Gvern qed jivvota s-somma ta' Lm2 miljun ghal miżuri preventivi u l-pjani ta' kontinġenza.

Matul is-sena d-dieħla, il-Gvern għandu quddiemu d-deċiżjoni ta' kif l-aħjar jiġu żviluppati s-servizzi ta' l-onkoloġija, jiġifieri għall-mard tal-kanċer. Dawn mhumiex parti mill-iżviluppi li qed isiru f'Mater Dei. Il-Gvern huwa kommess li dan il-qasam jingħata l-importanza li jixraqlu u li Malta żżomm ruħha aġġornata bl-aqwa servizzi f'dan il-qasam, anke bil-possibilta' ta' parteċipazzjoni tal-privat.

*Inizzjattivi Soċjali*

Il-Gvern jagħraf li fil-firxa wiesgħa ta' benefiċċi u servizzi soċjali pprovduti minnu wasal iż-żmien li jikkonsolida s-sistema tal-*means test*. Ma jistax ikun li nkomplu kif aħna – fejn dipartimenti differenti jużaw sistemi ta' *means test* differenti. Apparti d-duplikazzjoni ta' xogħol, is-sistema preżenti hija nġusta għax ma tħaddimx miżura waħda ta' kalkolu rrispettivament jekk il-benefiċċju soċjali huwiex wieħed ta' saħħa, ta' akkommodazzjoni, ta' edukazzjoni jew ta' benefiċċji oħra.

Għal dan il-għan, il-Gvern ser iwaqqaf grupp li jġib miegħu d-diversi dipartimenti biex nistabbilixxu l-mod ta' kif għandu jsir l-kejl u t-tħaddim ta' sistema komuni.

Il-politika tal-Gvern kienet dejjem li kemm jista' jkun min hu vulnerabbli fis-soċjetà, bħall-anzjani, persuni b'diżabilità, il-vittmi tad-droga, ta' abbuż mill-alkohol, vjolenza domestika u ta' l-abbuż tat-tfal, għandhom ikunu mħarsa u ntegrati fis-soċjetà u mhux ikunu istituzzjonalizzati.

Kien għalhekk li dan il-Gvern waqqaf numru ta' aġenziji. L-Appoġġ, is-Sedqa u l-Aġenzija Sapport, li llum jassistu 'l fuq minn 10,000 persuna b'servizzi personalizzati u b'nefqa li llum qed tlaħħaq għal Lm2.3 miljun. Barra minn hekk, id-Dipartiment għall-Kura ta' l-Anzjani, flimkien mal-Kunsilli Lokali u mas-settur privat, qed iħaddem 14-il ċentru ta' matul il-jum li jilqgħu 1,312 anzjan u anzjana u 8 djar residenzjali fil-komunità għall-anzjani li jilqgħu fihom 1,648 anzjani.

Il-pass li jmiss, *Mr. Speaker*, hu li nintroduċu l-kunċett li n-nefqa soċjali għandha timxi ma' l-indivdwu u mhux ma' l-istituzzjoni. Din mhux xi riforma żgħira għax sal-lum ma kellniex l-istrutturi biex nistabbilixxu kemm tassew tiswa l-kura u l-assistenza li tingħata għall-bazi ta' l-individwu. Min-naħa l-oħra, biex nagħtu aktar servizzi fil-komunità ma nistgħux nibqgħu fl-istess nifs insostnu l-istess nefqa għal popolazzjoni iżgħar fl-istituzzjonijiet tradizzjonali.

Dan jirrikjedi bidla sħiħa fil-kunċett ta' kif qegħdin niffinanzjaw dawn is-servizzi. Il-Gvern jemmen li l-flus ma għandhomx aktar imorru għand l-istituzzjonijiet, iżda jimxu ma' l-individwi li jeħtieġu l-appoġġ.

Bħala l-ewwel pass, fl-2006, il-Gvern ser jippilota dan il-kunċett permezz ta' programm li ser ikun imsejjaħ Innoċenti. Dan il-programm hu mmirat lejn it-tfal li bħalissa jinsabu fil-*Young Persons Unit* ta' l-isptar Monte Carmeli, li jistgħu jkunu integrati aktar fil-komunità permezz ta' *fostering* jew *placement* f'dar speċjalizzata għat-tfal. Il-programm ser jaħseb biex l-ispiża varjabbli relatata mal-kura pprovduta mill-isptar lil dawn it-tfal tiġi trasferita biex tiffinanzja din it-tip ta' integrazzjoni.

Irridu li l-komunitajiet tagħna jkunu aktar inklużivi. Għalhekk, il-Gvern ser jagħmel skema speċjali għal matul l-2006 sabiex organizzazzjonijiet voluntarji fil-komunità u ħwienet żgħar ikunu jistgħu jagħmlu l-bini pubbliku eżistenti aktar aċċessibli. Ser tingħata

rifużjoni sa massimu ta' 10% fuq l-ispiża ta' stallazzjoni ta' *lifts*. Barra minn hekk, l-iskema rilevanti ta' l-Awtorità tad-Djar ser tiġi estiża biex tkopri wkoll il-*lifts* fid-djar privati fejn joqogħdu persuni b'diżabilità.

*Mr. Speaker*, għadni m'iniex kuntent bil-livell ta' aċċessibilità fiżika u mhux fiżika li qed nilħqu f'pajjiżna, anke fi proġetti tal-Gvern. Matul is-sena d-dieħla, kull entità pubblika jew dipartiment tal-Gvern iridu jagħtu attenzjoni speċjali lil dan il-qasam, fejn il-livelli ta' aċċessibilità fi proġetti ġodda ma jilħqux il-livell stipulat fil-linji gwida *access for all*, dawn l-entitajiet jitilfu parti mill-finanzjament tagħhom. Ma baqax lok għal ebda tkaxkir tas-saqajn f'dan is-settur.

Nieħu l-okkażjoni biex ninforma l-Kamra li għall-ewwek darba l-Gvern qed jippubblika il-kont marbut mal-kura ta' l-anzjani. Dan jiġbor fih l-inizjattivi kollha favur l-anzjani tagħna. Irrid ngħid li n-nefqa, apparti l-pensjonijiet u benefiċċji soċjali oħra, taqbeż is-Lm16-il miljun. Meta wieħed iħares lejn dan il-kont, isib li għal kull lira li joħorġu l-anzjani li qed jircievu servizz residenzjali, il-Gvern qed joħroġ Lm4.40.

Fuq livell Ewropew, il-Gvern Malti qiegħed jippromwovi miżura li tippermetti li l-VAT fuq servizzi ta' kura fid-djar, bħal *home help* privat u servizzi oħra, tkun b'rata favorevoli. Il-Gvern jittama li jkun f'pożizzjoni li jdaħħal din ir-rata favorevoli ta' VAT fuq servizzi ta *home help* għall-Anzjani, persuni b'diżabilita, u persuni oħra li jkollhom bżonn sapport fid-dar tagħhom, kif ukoll fuq servizzi ta' *child-minding*.

Il-Gvern, permezz ta' l-Awtorità tad-Djar, ser ikompli jipprovdi akkommodazzjoni bi prezzijiet raġjonevoli għal familji ġodda jew bi ħtiġiet partikolari. Waqt li taqdi din il-missjoni tagħha, l-Awtorità ser tippromwovi wkoll ir-riġenerazzjoni urbana u soċjali fl-irħula Maltin u Għawdxin. Għal dan il-għan l-Awtorità ser tiddedika Lm3 miljun biex takkwista propjetajiet fi stat dilapidat bil-għan li dawn jiġu riġenerati u allokati skond l-iskemi tagħha.

*L-Evażjoni Fiskali u l-Abbuż fil-Benifiċċji Soċjali*

Il-Gvern iqis li l-evażjoni tat-taxxa u l-abbuż mis-servizzi soċjali mhu xejn inqas minn serq. Għalhekk ser ikompli jagħmel ħiltu kollha biex irażżan l-evażjoni tat-taxxa u jassigura li kulħadd, impjegat, professjonist jew negozjant, iħallas it-taxxa kif suppost. Il-Gvern ser jkompli wkoll jinvesti fid-Direttorat Kontra l-Frodi fil-Benefiċċji Soċjali biex min qed jabbuża jinqabad u biex niżguraw li s-sistema tal-benefiċċji soċjali taħdem b'mod ġust. Għal dan il-għan matul din is-sena l-Gvern ser jinvesti Lm90,000 aktar biex isaħħaħ dan id-Direttorat.

Biex jissaħħu l-poteri investigattivi sew tat-Tax Compliance Unit, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni u tad-Direttorat Kontra l-Frodi fil-Benefiċċji Soċjali, b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2006, il-Gvern ser jemenda l-liġi fuq it-taxxa tad-dħul biex jippermetti li dawn iż-żewġ entitajiet importanti jużaw l-istess informazzjoni. Flimkien ma' dan, matul l-2006, il-Ministeru tal-Finanzi ser jimplimenta mekkaniżmu biex il-konsumaturi jkollhom ħarsien kontra dawk li jabbużaw mill-irċevuti tal-VAT u biex dan it-tip ta' abbuż ikun jista' jiġi rrappurtat faċilment.

Matul l-2006 il-Gvern sejjer ukoll iħares mill-ġdid lejn l-istrutturi ta' kontra l-evażjoni u l-frodi u jara jekk hemmx lok għal tibdil organizzattiv biex jaħdmu b'mod iżjed effettiv u koordinat. Ser jidħlu wkoll emendi fil-liġi biex il-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji li jisilfu l-flus għall-iżvilupp tal-proprjetà jagħmlu dan biss jekk it-talba għall-ħlas tkun appoġġjata mill-kuntratt tax-xiri tal-proprjetà u l-irċevuti fiskali fuq ix-xogħlijiet li jsiru.

Flimkien ma' dan, fl-2006, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ser iniedi riforma fil-proċess tal-benefiċċji ta' l-invalidità.

*Dazji tas-Sisa*

Mis-sena d-dieħla, id-Dwana ser tintroduċi sistema ta' *bandaroles* fuq il-fliexken ta' l-alkoħol bil-għan sabiex insaħħu l-ġlieda tagħna kontra l-importazzjoni llegali tad-diversi prodotti alkoħoliċi. Inħoss li jkun ġust li, flok żjieda fid-dazji, li tippenalizza lil min jimxi skond il-liġi, għandhom f'dan l-istadju jittieħdu miżuri amministrattivi li jirrendu żjieda fid-dħul riżultat ta' serjetà fil-mod ta' kif titħaddem il-liġi minn kullħadd.

***Liġi u Ordni***

Fl-2006 ser jitkompla x-xogħol, permezz ta' ko-finanzjament b'fondi mill-Unjoni Ewropea, biex tiddaħħal is-Sistema ta' Informazzjoni Schengen li tippermetti lil Malta tiskambja informazzjoni ma' stati membri oħra ta' l-Unjoni Ewropea f'relazzjoni ma' kontroll tal-fruntieri. Dan ser isaħħaħ il-ħila ta' Malta li timmaniġġja l-immigrazzjoni u l-kontroll tal-fruntiera. Barra minn hekk, is-sistemi nazzjonali ta' nformazzjoni tal-Pulizija ser jittejbu u jkunu integrati wkoll mas-sistema Schengen.

***Immigrazzjoni***

Il-kwistjoni ta' l-immigrazzoni hija waħda reali – li la tista' tinjoraha u lanqas tista' tħalliha għaddejja. M'hi ebda sorpiża li din il-kwistjoni qed toħloq pressjonijiet qawwija fuq ir-riżorsi tal-pajjiż, inkluż il-Korp tal-Pulizija u l-Forzi Armati ta' Malta. Madanakollu, dan ma jfissirx li aħna għandna nabbandunaw il-prinċipji Kristjani u l-valuri tagħna li nipprovdu sigurtà u kenn lil dawk li jispiċċaw fuq xtut Malta, irrispettivament mill-istatus tagħhom.

Hu rilevanti li jingħad li l-problema ta' l-immigranti llegali primarjament tinħoloq ħtija tal-faqar u kundizzjonijiet ekonomiċi tal-pajjiż minn fejn ġejjin. Il-Gvern jemmen li hu d-dmir morali tiegħu li

jappoġġja u jipparteċipa fl-isforzi li qed isiru mill-Unjoni Ewropea, il-Ġnus Magħquda u organizzazzjonijiet oħra biex jindirizzaw l-għerq ta' din il-problema: il-faqar.

Fl-2006 il-Gvern ser jkompli bla waqfien iqiegħed il-kwistjoni ta' l-immigrazzjoni illegali fir-reġjun tagħna fuq l-aġenda ta' l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-Commonwealth. Meta jagħmel dan hu ser ikompli jitlob azzjoni konkreta u riżorsi, inklużi finanzjarji, biex itejbu l-ħila ta' Malta li timmaniġġja din il-kwistjoni gravi. Barra minn hekk, il-Gvern ser jkompli jfittex li jasal għal ftehim ma' pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea biex jgħinu lil Malta fl-isforzi tagħha. Ser inkomplu mexjin biex tinkiseb għajnuna fir-ripatrijazzjoni ta' min ma ħaqqux protezzjoni.

Fl-2006 l-Gvern ser ikompli b'diskussjonijiet mal-ġirien tagħna, partikolarment il-Libja u l-Italja, biex jinstabu arranġamenti u ftehim f'din il-kwestjoni.

Barra minn hekk, fl-ambitu tal-parametri ta' l-obbligi tal-liġi internazzjonali u tad-drittijiet umani, il-Gvern ser jgħaġġel il-proċess ta' l-applikazzjoni għal l-istatus ta' rifuġjat, l-ivvettjar ta' immigranti, kif ukoll ir-ripatriazzjoni ta' dawk il-persuni li jkunu kklassifikati bħala mhux eliġibbli għall-istatus ta' rifuġjati.

Tajjeb ninforma lill-Kamra li huwa stmat li l-ispiża rikurrenti tal-Gvern f'dan ir-rigward ser tlaħħaq il-Lm1.5 miljun matul is-sena d-dieħla apparti s-salarji u spejjeż oħra ta' l-Armata u l-Korp tal-Pulizija.

**Konklużjoni**

*Mr. Speaker*. Meta tħares lejn in-nefqa totali tal-Gvern, in-nefqa din is-sena mistennija tikber bi Lm17-il miljun fuq is-sena li għaddiet. Dan mhux kapriċċ. *Mr. Speaker*, Lm12-il miljun minn din iż-żieda huma meħuda minn nefqa akbar fuq is-saħħa, il-benefiċċji soċjali u l-pensjonijiet. Min-naħa l-oħra, naqqasna n-nefqa ordinarja tal-Gvern b'Lm1.5 miljun u bi Lm3 miljun il-kontribuzzjoni lill-entitajiet. Dan ifisser li l-Gvern mhux biss qed juża l-flus li qed jafdalu l-poplu bil-għaqal, imma qed isostni l-ħtiġijiet soċjali u ekonomiċi tal-pajjiż bin-nefqa meħtieġa, waqt li jrażżan nefqiet oħra.

*Mr. Speaker*, f'dan il-Baġit urejna li l-Gvern immexxi minni għandu viżjoni għal dan in-nazzjon. Biex nilħqu din il-viżjoni tinħtieġ azzjoni. M'hemmx dubju li l-iżviluppi li bdejna jridu jibqgħu sejrin, waqt li nidħlu għal oħrajn ġodda. Hekk, *Mr. Speaker*, Malta tibqa' għanja u soċjetà ta' wens.

Aħna nazzjon li hu kburi b'dak li rnexxielna nagħmlu. Aħna gżira żgħira li mhux biss irreżistiet il-ħruxijiet ta' storja mgħarrqa fil-konflitti ta' kull setgħa li kkontrollat il-Mediterran, iżda wkoll aħna mmaturajna f'nazzjon li hu demokratiku u msejjes fuq ir-regola tal-liġi, b'saħħtu, li jagħti wens, b'identità u lsien Nazzjonali uniċi.

Aħna lħaqna dan, *Mr. Speaker*, għaliex missirijietna kienu flessibbli, intraprendenti, u kuraġġużi. Aħna lħaqna dan, għaliex missirijietna mhux biss aċċettaw il-ħtieġa tal-bidla iżda wkoll għaliex sfruttaw l-opportunitajiet li l-bidla ġabet magħha. U minħabba dan aħna ħriġna aktar qawwijin u aħjar.

Jiena konvint li bħala poplu għandna l-kapaċitajiet, il-ħiliet u t-talenti biex nistgħu nimbarkaw b'suċċess fuq l-istadju li jmiss ta' l-evoluzzjoni istituzzjonali, soċjali u ekonomika ta' pajjiżna.

*Mr. Speaker*. F'dan l-indirizz jien urejt ukoll li l-Gvern immexxi minni kapaċi jipprovdi tmexxija, determinazzjoni, ħeġġa, u kuraġġ, biex niżguraw li l-viżjoni tagħna ta' kwalità ta' ħajja aħjar għall-Maltin u Għawdxin kollha tassew nilħquha.

Konvint li kif aħna l-Maltin irnexxejna kemm-il darba, ser nirnexxu issa wkoll.

Grazzi.

# STATEMENTS

***STATEMENT* A**

**DĦUL 2005 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | | ESTIMU APPROVAT | ESTIMU RIVEDUT | BIDLA + | BIDLA - | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Lm | Lm | Lm | Lm | |
| **DĦUL MIT-TAXXI** | | | | | | |
| Diretti - | Taxxa tad-Dħul | 222,100,000 | 224,580,000 | 2,480,000 | - | Dħul aktar milli kien previst mit-taxxa fuq il-qligħ kapitali. |
| | Sigurta' Soċjali | 199,100,000 | 191,100,000 | - | 8,000,000 | L-estimu oriġinali ma ntlaħaqx; terz mill-ammont jirrappreżenta kontribuzzjoni mill-iStat. |
| Indiretti - | Dwana u Sisa | 71,090,000 | 65,500,000 | - | 5,590,000 | Anqas dħul milli kien previst kemm mid-dazji ta' importazzjoni kif ukoll mit-taxxa tas-sisa fuq is-sigaretti. |
| | Liċenzji, Taxxi u Multi | 96,564,000 | 88,911,000 | - | 7,653,000 | Anqas dħul milli kien mistenni mit-taxxa fuq id-dokumenti, mit-taxxi fuq il-logħob u mit-taxxa ta' l-ajruport. |
| | Taxxa fuq il-Valur Miżjud | 167,403,000 | 168,834,000 | 1,431,000 | - | Żieda fid-dħul bħala riżultat ta' aktar effiċjenza fil-ġbir tal-*VAT*. |
| | | **756,257,000** | **738,925,000** | **3,911,000** | **21,243,000** | |

## *STATEMENT* A

### DHUL 2005 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT

| SORS | ESTIMU APPROVAT | ESTIMU RIVEDUT | BIDLA + | BIDLA - | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Lm | Lm | Lm | Lm | |
| Drittijiet ta' Uffiċċju | 21,480,000 | 31,784,000 | 10,304,000 | - | Dħul aktar milli kien previst minn liċenżji *fuq right of use* u mill-iskema ta' reġistrazzjoni dwar l-investimenti li reġgħet ġiet imnedija matul is-sena. |
| Ħlas lura lid-Dipartimenti | 8,153,000 | 7,592,000 | - | 561,000 | Tnaqqis fid-dħul minn servizzi lil terzi persuni. |
| Korporazzjonijiet Pubbliċi | 2,233,000 | 2,233,000 | - | - | |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 12,000,000 | 14,000,000 | 2,000,000 | - | Il-profitti attawli għas-sena 2004 liġew mgħoddija lill-Gvern. |
| Kera | 8,345,000 | 8,663,000 | 318,000 | - | Żieda fid-dħul mir-renti. |
| Profitti minn Investimenti | 5,230,000 | 7,035,000 | 1,805,000 | - | Żieda minħabba li profitti/*dividends* aktar milli kienu previsti gew mgħoddija lill-Gvern mill-*MFSA* u diversi kumpaniji żgħar oħra. |
| Ħlas lura u nteressi fuq self moghti mill Gvern | 77,000 | 77,000 | - | - | |
| Ghotjiet Barranin | 74,624,000 | 83,075,000 | 8,451,000 | - | Dħul aktar milli kien mistenni minn fondi gejjin mill-V Protokol Finanżjarju Taljan. |
| Dħul mixxellanju | 11,685,000 | 19,632,000 | 7,947,000 | - | Dħul aktar milli kien previst minn dħul mixxellanju. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL IEĦOR** | **143,827,000** | **174,091,000** | **30,825,000** | **561,000** | |
| **TOTALI TA' DĦUL RIKORRENTI** | **900,084,000** | **913,016,000** | **34,736,000** | **21,804,000** | |

***STATEMENT* A**

**DĦUL 2005 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT | ESTIMU RIVEDUT | BIDLA + | BIDLA - | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Lm | Lm | Lm | Lm | |
| **DĦUL MHUX ORDINARJU** | | | | | |
| Dħul minn bejgħ ta' ishma | 50,000,000 | 18,000,000 | - | 32,000,000 | Il-programm ta' privatizzazzjoni tal-Gvern għall-2005. |
| *Sinking Funds* ta' self lokali kkonvertit | 4,000,000 | 4,000,000 | - | - | |
| Self Lokali | 100,000,000 | 110,000,000 | 10,000,000 | - | Self lokali biex jġi ffinanzjat is-self meħtieġ mill-Fond Konsolidat. |
| Self Barrani | 15,000,000 | 0 | - | 15,000,000 | Din il-faċilita` ma ntużatx matul l-2005. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MHUX ORDINARJU** | **169,000,000** | **132,000,000** | **10,000,000** | **47,000,000** | |
| **DĦUL GLOBALI** | **1,069,084,000** | **1,045,016,000** | **44,736,000** | **68,804,000** | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2005: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 Uffiċċju tal-President | 778,000 | 714,000 | | 64,000 | Hu mistenni li n-nefqa fil-kategorija tal-Pagi u Salarji tkun anqas mill-estimu approvat. |
| 2 Kamra tad-Deputati | 1,218,000 | 1,198,000 | | 20,000 | |
| 3 Uffiċċju ta' l-*Ombudsman* | 175,000 | 175,000 | | | |
| 4 Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika | 870,000 | 820,000 | | 50,000 | Il-Kontribuzzjoni lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għal din is-sena mistennija tkun anqas mill-istima oriġinali. |
| 5 Uffiċċju tal-Prim Ministru | 5,715,000 | 5,404,000 | | 311,000 | Nefqa anqas milli prevista primarjament fil-kategoriji tal-Programmi u Inizjattivi *(EU Pre-Accession Programmes)* u tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern |
| 6 Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku | 150,000 | 150,000 | | | |
| 7 Forzi Armati ta' Malta | 13,371,000 | 13,246,000 | | 125,000 | Nefqa akbar milli prevista primarjament fil-programm tat-*Third Country Nationals* u fil-kategorija ta' l-Operat u Manutenzjoni li pattiet għaliha nefqa anqas mill-istima oriġinali fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |
| 8 Informazzjoni | 598,000 | 598,000 | | | |
| 9 Stamperija tal-Gvern | 602,000 | 585,000 | | 17,000 | |
| 10 Uffiċċju Elettorali | 1,238,000 | 1,238,000 | | | In-nefqa fil-kategorija ta' l-Operat u Manutenzjoni kienet akbar milli kien mistenni iżda għamlet tajjeb għaliha nefqa anqas fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi |
| 11 Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern | 3,130,000 | 3,148,000 | 18,000 | | |
| 12 Servizz Ġudizzjarju | 3,732,000 | 3,820,000 | 88,000 | | L-ispejjeż għat-taħrik ta' xhieda u esperti tal-Qorti kienet akbar milli kien maħsub oriġinarjament. Patta ftit għal din iż-żieda nfiq anqas fil-kategoriji tal-Pagi u Salarji u ta' l-Operat u Manutenzjoni |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2005: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT | ESTIMU RIVEDUT | BIDLA | | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | + | - | |
| | Lm | Lm | Lm | Lm | |
| 13 Gvern Lokali | 11,213,000 | 11,224,000 | 11,000 | | |
| 14 Pulizija | 16,597,000 | 16,196,000 | | 401,000 | Nefqa anqas mill-istima oriġinali fil-kategorija tal-Pagi u Salarj |
| 15 Servizzi Korrettivi | 2,725,000 | 2,777,000 | 52,000 | | L-ispiża fil-kategoriji tal-Pagi u Salarji u tal-Programmi u Inizjattivi se tkun akbar mill-istima oriġinali. |
| 16 Protezzjoni Ċivili | 1,435,000 | 1,414,000 | | 21,000 | |
| 17 Taqsima Propjeta' tal-Gvern | 1,804,000 | 1,807,000 | 3,000 | | |
| 18 Reġistrar | 1,118,000 | 1,122,000 | 4,000 | | |
| 19 Ministeru tal-Finanzi | 28,104,000 | 29,771,000 | 1,667,000 | | In-nefqa fil-kategoriji ta' l-Operat u Manutenzjoni *(International Finance Corporation)* u tal-Programmi u Inizjattivi kienet akbar milli kien maħsub, iżda ttaffiet ftit b'infiq inqas milli kien maħsub fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |
| 20 Teżor | 1,225,000 | 1,465,000 | 240,000 | | In-nefqa għola mill-istima oriġinali hija dovuta primarjament minħabba r-rifużjoni tal-liċenzji tar-*receivers* tas-satelliti u nefqa akbar mill-istima oriġinali fil-kategorija ta' l-Operat u Manutenzjoni |
| 21 Pensjonijiet | 31,022,000 | 32,632,000 | 1,610,000 | | In-nefqa tirrifletti d-differenza fin-numru ta' persuni li rtiraw, li kien akbar minn dak mistenni. |
| 22 Taxxi Interni | 5,881,000 | 5,822,000 | | 59,000 | L-ispiża taħt il-kategorija tal-Pagi u Salarji kienet anqas milli kien maħsub. |
| 23 Dwana | 5,828,000 | 5,929,000 | 101,000 | | Nefqa akbar milli mistennija fil-kategorija ta' l-Operat u Manutenzjoni ittaffiet ftit bi spiża anqas taħt il-kategoriji tal-Pagi u Salarji u tal-Programmi u Inizjattivi |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2005: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 24 V.A.T. | 3,126,000 | 3,161,000 | 35,000 | | |
| 25 Kuntratti | 437,000 | 416,000 | | 21,000 | |
| 26 Politika Ekonomika | 413,000 | 398,000 | | 15,000 | |
| 27 Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol | 45,138,000 | 44,440,000 | | 698,000 | Nefqa akbar milli prevista fil-kategorija tal-Pagi u Salarji, li pattiet għaliha nefqa anqas milli kien maħsub fil-kategorijital-Programmi u Inizjattivi u tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern |
| 28 Edukazzjoni | 50,963,000 | 50,838,000 | | 125,000 | Hu maħsub li n-nefqa fil-kategorija tal-Operat u Manutenzjoni tkun akbar milli kienet stmata oriġinarjament minħabba żieda fl-ispiża tat-trasport tat-tfal ta' l-iskejjel. Min-naħa l-oħra, l-ammont ipprovdut fil-kategorija tal-Pagi u Salarji mhux se jkun meħtieġ kollu. |
| 29 Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali | 611,000 | 588,000 | | 23,000 | |
| 30 Libreriji u Arkivji | 687,000 | 687,000 | | | |
| 31 Ministeru għat-Turiżmu u Kultura | 5,445,000 | 5,416,000 | | 29,000 | Nefqa akbar mill-istima oriġinali fil-kategorijita' l-Operat u Manutenzjoni u tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern ittaffiet b'nefqa anqas milli kienet mistennija fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |
| 32 Ministeru għall-Kompetittivita' u l-Komunikazzjoni | 4,010,000 | 4,029,000 | 19,000 | | Hu maħsub li n-nefqa taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi tkun akbar minn dik prevista, iżda din iż-żieda se tittaffa ftit minħabba li n-nefqa fil-kategorija tal-Pagi u Salarji se tkun inqas mill-istima oġinali. |
| 33 Kummerċ | 5,052,000 | 4,109,000 | | 943,000 | L-ammont ivvutat għas-sussidju fuq il-prezz taz-zokkor mhux se jkun meħtieġ kollu. |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2005: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 34 Konsumatur u Kompetizzjoni | 531,000 | 546,000 | 15,000 | | |
| 35 Avjazzjoni Ċivili | 573,000 | 522,000 | | 51,000 | In-nefqa fil-kategorija tal-Pagi u Salarji se tkun anqas minn dik prevista. |
| 36 Ministeru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura | 18,224,000 | 17,556,000 | | 668,000 | Hu maħsub li n-nefqa fil-kategorija tal-Pagi u Salarji tkun anqas mill-istima oriġinali. |
| 37 Ministeru għal Għawdex | 20,539,000 | 20,519,000 | | 20,000 | |
| 38 Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunita' | 79,128,000 | 79,858,000 | 730,000 | | In-nefqa fil-kategoriji ta' l-Operat u Manutenzjoni u tal-Programmi u Inizjattivi mistennija tkun ogħla mill-istima oriġinali minħabba nefqa akbar primarjament fuq il-*Contractual Services* u l-*Medicines and Surgical Supplies* rispettivament. Iżda din iż-żieda se tittaffa ftit peress li l-ammonti vvutati fil-kategoriji tal-Pagi u Salarji u tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern mhux se jkunu meħtieġa kollha. |
| 39 Anzjani u Kura fil-Komunita' | 12,534,000 | 12,692,000 | 158,000 | | Hu maħsub li n-nefqa fil-kategoriji tal-Pagi u Salarji, l-aktar fuq *Allowances,* u ta' l-Operat u Manutenzjoni, tkun akbar mill-istima oriġinali. |
| 40 Ministeru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni | 42,136,000 | 40,147,000 | | 1,989,000 | Hu maħsub li n-nefqa taħt il-kategorija tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern tkun akbar milli kienet stmata oriġinarjament, iżda mhux maħsub li l-ammonti pprovduti fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi jintefqu kollha. |
| 41 Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent | 29,330,000 | 29,565,000 | 235,000 | | Nefqa akbar milli maħsub fil-kategoriji ta' l-Operat u Manutenzjoni (primarjament fil-*Utilities)* u tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern, li ttaffiet ftit bi nfiq anqas taħt il-kategorija tal-Pagi u Salarji |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2005: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 42 Ministeru għall-Iżvilupp Urban u Toroq | 4,161,000 | 5,047,000 | 886,000 | | Hu maħsub li n-nefqa fuq il-*Guaranteed Earnings Agreement with the Public Transport Association* tkun akbar mill-istima oriġinali. |
| 43 Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali | 6,496,000 | 6,799,000 | 303,000 | | Spiża aktar minn dik stmata oriġinarjament taħt il-kategoriji tal-Programmi u Inizjattivi u tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern. |
| 44 Sigurta' Soċjali | 68,807,000 | 66,207,000 | | 2,600,000 | L-ammont ipprovdut għall-Kontribuzzjoni ta' l-Istat tas-Sigurta' Soċjali mhux se jkun meħtieġ kollu. |
| 45 Benefiċċji tas-Sigurta' Soċjali | 211,629,000 | 221,000,000 | 9,371,000 | | Nefqa akbar mill-istima oriġinali, primarjament fuq il-Pensjonijiet ta' l-Irtirar. |
| 46 Ħarsien tal-Familja | 647,000 | 630,000 | | 17,000 | |
| 47 Djar | 1,158,000 | 1,243,000 | 85,000 | | L-ispiża taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi mistennija tkun akbar mill-istima oriġinali. |
| 48 Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin | 11,100,000 | 11,121,000 | 21,000 | | Hu mistenni li nefqa akbar mill-istima oriġinali fil-kategorija ta' l-Operat u Manutenzjoni u tal-Programmi u Inizzjattivi tittaffa ftit b'nefqa anqas fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |
| **NEFQA RIKORRENTI TOTALI** | 761,404,000 | 768,789,000 | 7,385,000 | | |
| 49 Ħlasijiet fuq Self | 90,178,000 | 90,081,000 | | 97,000 | In-nefqa fuq ħlas lura ta' self tat-Tarznari ttaffiet bi spiża anqas milli kienet maħsuba oriġinarjament għat-*Treasury Bills* . |
| **NEFQA RIKORRENTI TOTALI U ĦLASIJIET FUQ SELF** | 851,582,000 | 858,870,000 | 7,288,000 | | |

***STATEMENT Ċ***

**NEFQA KAPITALI 2005: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT | ESTIMU RIVEDUT | BIDLA + | BIDLA - | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Lm | Lm | Lm | Lm | |
| I | Uffiċċju tal-Prim Ministru | 5,064,000 | 6,212,000 | 1,148,000 | - | Aktar infiq fuq il-programm kapitali tal-Forzi Armati ta' Malta li jinkludi *Protector Class Coastal Patrol Boat P 52*, xogħlijiet fil-*Barracks* ta' Hal Far għall-immigranti irregolari u l-*patrol boat* li hija ffinanzjata taħt il-Protokol Taljan. |
| II | Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern | 4,350,000 | 6,559,000 | 2,209,000 | - | Nefqa akbar minħabba ħlasijiet fuq kuntratti għall-artijiet akkwistati mill-Gvern. |
| III | Ministeru tal-Finanzi | 12,285,000 | 51,385,000 | 39,100,000 | - | Dan il-Vot ġie rivedut biex jinkludi fih l-infiq fuq l-isptar *Mater Dei* li kien aktar mill-allokazzjoni li ġiet oriġinarjament ipprovduta taħt il-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunita'. |
| IV | Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg | 8,092,000 | 7,050,000 | - | 1,042,000 | Minkejja li l-infiq taħt dan il-vot mistenni jkun anqas minħabba programmi ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea u proġetti ta' l-Universita', MCAST u l-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada, l-infiq fuq xogħlijiet ta' l-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol u proġetti Sportivi mistennija jkunu aktar. |
| V | Ministeru għat-Turizmu | 10,620,000 | 10,266,000 | - | 354,000 | Spiża anqas hija mistennija fuq proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Il-fondi allokati għas-*substation* għall-elettriku tal-Kumpless ta' Bighi mhumiex se jintefqu din is-sena. |
| VI | Ministeru għall-Kompetittivita' u l-Komunikazzjoni | 1,911,000 | 1,811,000 | - | 100,000 | Infiq anqas fuq proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea taħt it-*Transition Facility* . |
| VII | Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura | 2,418,000 | 2,781,000 | 363,000 | - | Nefqa akbar mill-Estimu approvat minħabba l-ħtieġa ta' aktar fondi fuq iċ-Ċentri għal *Third Country Nationals* u fuq proġetti biex jiġu evitati l-għargħar. |

*STATEMENT Ċ*

**NEFQA KAPITALI 2005: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT | ESTIMU RIVEDUT | BIDLA + | BIDLA - | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Lm | Lm | Lm | Lm | |
| VIII | Ministeru għal-Għawdex | 5,704,000 | 5,064,000 | - | 640,000 | Għalkemm se jkun hemm nefqa anqas fuq proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, se jkun hemm spiża akbar fuq proġetti ta' Toroq. |
| IX | Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunita' | 36,464,000 | 2,391,000 | - | 34,073,000 | In-nefqa fuq l-isptar Mater Dei tidher taħt il-Ministeru tal-Finanzi. L-ispiża fuq il-programmi ta' l-Unjoni Ewropea u fuq ir-Residenza ta' San Vinċenz de Paule mistennija tkun anqas. |
| X | Ministeru għall-Investiment, Teknoloġija u l-Informatika | 19,157,000 | 16,727,000 | - | 2,430,000 | Infiq anqas fuq l-impjant tad-drenaġġ fit-Tramuntana ta' Malta li huwa ffinanzjat taħt il-Ħames Protokol Taljan, kif ukoll fuq xogħlijiet u tagħmir fit-Tarzna. |
| XI | Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent | 12,157,000 | 12,143,000 | - | 14,000 | Filwaqt li se jkun hemm nefqa anqas fuq il-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, mistenni jkun hemm nefqa akbar fuq is-Servizzi Veterinarji |
| XII | Ministeru għall-Iżvilupp Urban u Toroq | 15,278,000 | 20,580,000 | 5,302,000 | - | Mistenni li jkun hemm aktar infiq fuq proġetti ta' Toroq iffinanzjati taħt il-Protokol Taljan. |
| XIII | Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali | 2,583,000 | 1,638,000 | - | 945,000 | Spiża anqas hija mistennija fuq is-sovvenzjoni mogħtija lill-Awtorita' tad-Djar, li ma kinitx meħtieġa din is-sena, fuq is-sussidji ta' l-imgħax fuq self għal xiri ta' djar u fuq il-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. L-infiq fuq Bini u Tiswija tad-Djar mistenni jkun aktar. |
| XIV | Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin | 993,000 | 503,000 | - | 490,000 | Nefqa anqas fuq il-propjeta' tar-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta fi Brussell. |
| | NEFQA KAPITALI TOTALI | 137,076,000 | 145,110,000 | 8,034,000 | | |